UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
-MAIN LIBRARY-

# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ
MILL-GĦAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITÀ)

IS-SENA LX | 1991 | GĦADD 27

# Mid-Med Bank determinat li jibqa' fuq quddiem.



**Il-Mid-Med Bank, l-Akbar Bank f'Malta, determinat li jibqa' fuq quddiem. Għalhekk għalih l-ewwel tiġi int. Dawn huma ftit mis-servizzi bankarji mfassla apposta għalik li jipprovdi minn numru ta' uffiċċji moderni li għandu.**

**Current Accounts**
Iġġorx miegħek flus bla bżonn – ibda ħallas mill-kumdità tad-dar permezz ta' ċekk.

**Quikbank**
Kull min għandu Kont Kurrenti jista' juża l-Quikbank li issa jinsab ħdejn għadd ta' ufficcji tal-Mid-Med. Il-Quikbank tista' tużaha 24 siegħa kuljum inkluż il-Ħadd.

**Eurocard**
Il-Mid-Med Bank Eurocard hi "Credit Card" li tintuża Malta u fil-pajjiżi l-oħra kollha. Il-Mid-Med Eurocard tużaha biex tixtri minn ħwienet, ristoranti, aġenziji ta' l-ivvjaġġar u biex tikri karozzi.

**Eurocheques**
Meta ssiefer, speċjalment jekk iżżur aktar minn pajjiż wieħed, m'hemmx għalfejn taħseb għal flus ta' pajjiżi differenti – sempliċiment tħallas b'Eurocheque tal-Mid-Med. Ma toqgħodx taħseb kemm għandek bżonn flus ta' kull pajjiż – meta tkun ser tħallas tikteb fuq l-Eurocheque l-ammont fil-munita tal-pajjiż li tkun fih.

---

*Għal kull servizz bankarju li teħtieġ mur il-Bank li hu fuq quddiem – mur f'wieħed mill-uffiċċji tal-Mid-Med Bank.*

***Mal-*Mid-Med *jaqbillek żgur***

**Mid-Med Bank Ltd**

***B'għadd ta'Fergħat imferrxa ma' Malta u Għawdex***

# WERREJ

**EDITORJAL**
X'nistennew fl-Università f'egħluq is-sittin sena ta' l-Għaqda tal-Malti ........ 2

**IL-MANIFEST** ........ 4

**GEORGE SAID B.A.**
Diskors f'egħluq l-20 sena mill-mewt ta' Prof. Pietru Pawl Saydon ........ 7

**PROF. OLIVER FRIGGIERI**
Tislima lil Pietru Pawl Saydon ........ 8

**PROF. ĠUŻÈ AQUILINA**
Il-Professur Pietru Pawl Saydon ........ 11

**REV. KAN. JOACHIM SCHEMBRI**
P.P. Saydon kif niftakru jien ........ 15

**REV. PROF. DUN KARM SANT**
Diskors ta' egħluq f'ġieh P.P. Saydon ........ 20

**ĠORĠ MIFSUD**
X'tip ta' kitba tinteressa lill-Maltin? ........ 24

**SAVIOUR SAMMUT**
Il-poeżija tas-snin sittin ........ 30

**POEŻIJI**
*F'Tarf Xifer* - Marcel Żammit Marmarà ........ 10
*Dalwaqt* - Joseph Bugeja ........ 14
*Lil Dun Karm* - J. Żammit Tabona ........ 36

---

Il-Kumitat ta' l-Għaqda tal-Malti (Università) għas-snin 1990-92.
George Said *(President)*; Marcel Ż. Marmarà *(Viċi-President)*; Joseph Borg *(Segretarju)*; Mark Debono *(Teżorier)*; Mario Cassar *(U.R.P.)*; Jesmond Grech *(membru)*; Rennie Mercieca *(membru)*; Prof. Oliver Friggieri *(Kap, Dipartiment tal-Malti, Università).*

**LEĦEN IL-MALTI**
**DIĊEMBRU 1991**
**GĦADD 27**

maħruġ mill-Għaqda tal-Malti (Università) fi ħdan id-Dipartiment tal-Malti.

BORD EDITORJALI:
*Editur:*
Joseph Borg
*Assistenti:*
David Bezzina
Norman C. Borg
Mario Cassar
Mark Debono
Prof. Oliver Friggieri
Marcel Ż. Marmarà

Indirizz Editorjali:
"LEĦEN IL-MALTI"
Id-Dipartiment tal-Malti
Il-Fakultà ta' l-Arti
L-Università
Tal-Qroqq, Msida

Issettjat
mill-Velprint Ltd.
Stampat għand
PRINTJOB - Għaxaq

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY

REFERENCE

LEĦEN IL-MALTI seta' jiġi ippubblikat u fl-istess ħin offrut lill-pubbliku bi prezz baxx bis-saħħa ta' l-għajnuna finanzjarja mogħtija mill-

Mid-Med Bank

# LEĦEN IL-MALTI

*Editorjal*

## X'NISTENNEW FL-UNIVERSITÀ F'EGĦLUQ IS-SITTIN SENA TA' L-GĦAQDA

L-Għaqda tal-Malti (Università) qiegħda tfakkar egħluq is-sittin sena minn meta twaqqfet minn Rużar Briffa u Ġużè Bonnici fl-1931. Waqt li nsellmu lit-tifkira ta' dawn iż-żewġ kittieba u lil dawk kollha li ħadmu warajhom, infakkru x'għandna nistennew li tkun il-qagħda ta' l-ilsien nazzjonali fl-Università.

Għad li l-ilsna uffiċjali ta' l-Università huma l-Malti u l-Ingliż, sa issa dejjem kien hemm oppożizzjoni għal kull proposta li saret mill-Kap tad-Dipartiment tal-Malti biex l-ilsien nazzjonali jieħu l-post li jixraqlu jkollu fl'Università. Saru proposti daqskemm saru protesti, iżda baqa' ma tbiddel xejn. L-għaqda fi ħsiebha tibqa' tisħaq li l-Università ta' Malta timxi fuq il-mudell ta' universitajiet barranin f'dan il-qasam, u m'hix se tieqaf qabel ma tara li dan jintlaħaq. Nafu li għandna l-appoġġ tal-kotra l-kbira ta' l-istudenti. Illum l-Għaqda hi magħmula minn għadd tassew kbir ta' mseħbin li ġejjin mill-biċċa l-kbira tal-Fakultajiet. Qegħdin naħdmu ħafna biex dan il-għadd joktor sewwa, u qiegħed jirnexxilna. L-appell tagħna jrid jasal ukoll għand l-istudenti fl-iskejjel sekondarji kollha, u l-aktar fejn l-ilsien nazzjonali għadu mirfus u mkasbar.

F'din l-okkażjoni ntennu liema huma l-interessi ewlenin tagħna, li għalihom se nissoktaw naħdmu:

1. l-ilsien nazzjonali fl-Università għandu jkollu l-post li għandu kull ilsien nazzjonali ieħor f'kull università barranija oħra.
2. It-tagħrif uffiċjali li joħroġ mill-Università ma jistax jibqa' jħalli barra l-ilsien nazzjonali.
3. L-eżami tal-Matrikola tar-Reliġjon għandu jsir kif jitlob il-Konċilju Vatikan u fl-ispirtu modern tal-Knisja universali, jiġifieri bl-ilsien nazzjonali. Ma nifhmux kif dan l-ilsien għadu mwarrab daqshekk fil-Fakultà tat-Teoloġija, meta dan hu l-ilsien tal-predikazzjoni u tal-poplu.
4. Il-laqgħat tal-Kunsill, tas-Senat u tal-Bordijiet tal-Fakultà għandhom isiru bl-ilsien nazzjonali. Din tidher proposta tad-daħk u bla bżonn, iżda għadna fil-qagħda bla sens li dawn isiru bl-Ingliż.

5. Il-Melitensia għandha tingħata għarfien speċjali. Il-qagħda tagħha hija ħażina ħafna. Il-qagħda tal-manuskritti u ta' kotba qodma hi tal-biki. Il-Melitensia għandha tgawdi mill-mezzi moderni kollha fiż-żamma u fil-proċedura. Għandha tkun biss librerija ta' konsultazzjoni, waqt li tikber biex il-pubblikazzjonijiet ikunu għad-dispożizzjoni ta' min jużaha wkoll. Librerija ta' konsultazzjoni **u** librerija ta' self ta' pubblikazzjonijiet: dan hu l-ewwel tqassim ġdid li jrid isir minnufih. (Id-Dipartiment tal-Malti diġa' għamel memorandum dettaljat dwar dan, iżda naturalment ma sar xejn).
6. Il-Melitensia għandha tikber ħafna fl-ispazju u fil-ħażna tal-pubblikazzjonijiet. Id-daqs tagħha llum ma jirrifletti b'ebda mod il-medda tal-librerija Maltija.
7. Il-Melitensia għandha ssegwi l-politika adottata minn libreriji tax-xeħta tagħha f'istituzzjonijiet barranin, l-aktar dwar manuskritti u kotba qodma, fosthom l-ewwel edizzjonijiet, li m'għandhomx jinħarġu.
8. Iċ-ċerimonji uffiċjali ta' l-Università għandhom isiru bl-ilsien uffiċjali. Sa issa kienu l-istudenti biss li taw l-eżempju xieraq f'dan il-każ.
9. Fejn m'hemmx raġuni loġika kuntrarja, l-istudent għandu jkun ħieles li jwieġeb bil-Malti, u mhux biss bl-Ingliż.

Illum fost l-istudenti għandna moviment imxerred u kbir favur dawn il-fehmiet moderni. Fost dawn l-istudenti hemm uħud li jistqarru magħna li fl-edukazzjoni sekondarja li ngħataw ma kisbux għarfien u apprezzament xieraq ta' l-ilsien u tal-kultura nazzjonali, u jiddeploraw dan kollu. Imdawlin mill-fehmiet moderni tad-dinja ta' barra, inqisu li m'aħniex speċjali jew inferjuri, u għalhekk nisħqu li l-mudell internazzjonali għandu jidħol sa fl-aħħar fostna wkoll. Għal dan ħdimna u se nissoktaw naħdmu. L-istudenti Maltin huma kburin bihom infushom u ma jħossux ruħhom inqas minn studenti ta' artijiet oħrajn. Dan hu l-messaġġ li nixtiquh jidwi ma' l-Università u mal-pajjiż kollu f'egħluq is-sittin sena ta' l-Għaqda tagħna, għaqda li tħares lejn l-imgħoddi bi kburija u lejn il-ġejjieni b'fiduċja akbar minn qatt qabel.

- Jekk trid toqtol nazzjon, eqridlu l-ilsien tiegħu. Jekk trid li nazzjon joqtol lilu nnifsu, għallem lit-tfal kif jistmerruh meta jkunu għadhom żgħar. Jekk trid li ċ-ċittadini jinqasmu bejniethom, aqsamhom lingwistikament.
- Imma jekk trid trawwem nazzjon f'saħħtu, għinu jseddaq u jiżviluppa l-ilsien tiegħu. Jekk trid li nazzjon jikber u jimmatura, orqomlu l-kliem li jfisser ruħu bih. Jekk trid tagħtih ruħ qawwija, għallmu li hemm rabta kbira bejn art twelidu u l-ilsien ta' kulħadd. Jekk trid ittella' ġenerazzjoni ta' ċittadini maturi, agħtihom fiduċja sħiħa fl-ilsien li jfissru ruħhom bih.

# STQARRIJA TA' L-GĦAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITÀ) F'EGĦLUQ IS-SITTIN SENA TAGĦHA (1931-1991)

L-Għaqda tal-Malti (Università), magħmula minn għadd kbir ta' studenti minn Fakultajiet differenti ta' l-Università, qiegħda tfakkar b'sodisfazzjon egħluq is-sittin sena tagħha. Kienu Rużar Briffa u Ġużè Bonnici , żewġ studenti tal-Mediċina, li fl-1931 welldu din l-Għaqda fost l-istudenti. Illum li din l-Għaqda kibret u ssaħħet, issellem lit-tifkira tagħhom u tifraħ li hi attiva ħafna fil-ħajja ta' l-istudenti.

L-Għaqda tfakkar li kulma ħadmu għalih il-fundaturi u l-ewwel imseħbin tagħha huwa wkoll il-kawża tagħha llum. F'din l-okkażjoni li timliena b'kuraġġ kbir, l-Għaqda tistqarr dan li ġej.

## *Twemmin*

1. L-Għaqda temmen li l-ilsien nazzjonali hu l-egħżeż u l-aqwa wirt tan-nazzjon kollu u għandu jkun imħares u mogħti l-importanza ewlenija kollha li kull nazzjon ieħor jagħti lill-ilsien nazzjonali tiegħu.
2. Is-sistema edukattiva hi l-aqwa post fejn l-ilsien nazzjonali jista' jgħix u jistagħna fil-ġejjieni. Għalhekk tistenna li Malta wkoll tagħmel bħal kull nazzjon ieħor u tagħti l-importanza kollha li tixraq lill-ilsien nazzjonali fl-edukazzjoni.
3. It-tħaddim xieraq ta' l-ilsien nazzjonali hu wieħed mill-aħjar mezzi biex joktru l-għaqda u l-ftehim fost il-Maltin, waqt li t-twarrib tiegħu jaqsam u jifred lill-Maltin, u l-aktar liż-żgħażagħ, bla ħtieġa.
4. L-Għaqda tfakkar li għad fadal ħafna x'isir biex l-ilsien nazzjonali jieħu l-post li jixraqlu fl-edukazzjoni kif għandu f'kull nazzjon ieħor. Biex Malta toħroġ mill-iżolament tagħha jeħtiġilha ssegwi l-mudelli mħarsin fin-nazzjonijiet l-oħra u timxi fuq id-direttivi maħruġa mill-istituzzjonijiet internazzjonali. L-Għaqda tfakkar f'kemm il-Papa nnifsu ilu jisħaq fuq il-ħtieġa li kull nazzjon iħares il-kultura tiegħu, l-aktar meta din tkun il-kultura ta' art ċkejkna. Din hi t-triq li Malta trid taqbad biex tidħol tassew fil-familja tal-ġnus moderni.
5. L-Għaqda tistqarr it-tħassib tagħha dwar it-taħsir li qiegħed isir lill-ilsien nazzjonali kull meta hu mitħaddet u miktub ħażin, u tfakkar li l-qerda mgħaġġla u bla ħtieġa ta' ħafna kliem ta' nisel Għarbi hi telfa ta' wirt nazzjonali li jorbotna ma' miljuni kbar ta' nies u ma' kultura kbira. Din hi telfa kbira jekk titqies fil-kuntest Ewropew li jippreżenta lil Malta mogħnija b'wirt uniku, u jekk titqies it-tifsira reali tal-qagħda ġeografika tagħha, imseddqa fil-prattika bl-ilsien tagħha, li hu ħażna ta' kulturi differenti. L-Għaqda tħeġġeġ lil kulħadd biex ma jwarrabx il-kliem Malti qadim u biex kulħadd jagħraf il-ġmiel, l-espressività u l-qawwa tiegħu.

## *Miżuri prattiċi dwar l-ilsien nazzjonali fl-iskejjel*

Fid-dawl tal-post li għandu l-ilsien nazzjonali fis-sistema edukattiva tan-nazzjonijiet l-oħra, l-Għaqda temmen li jidher minnufih li Malta għadha 'l bogħod mill-prattika internazzjonali. Biex Malta toħroġ minn dan l-iżolament, l-Għaqda tistqarr dan li ġej bħala l-minimu li jista' jressaqna lejn id-dinja barranija.

1. L-għarfien prattiku u reali ta' l-ilsien nazzjonali fl-iskejjel hu meħtieġ ħafna biex lill-istudenti jagħtihom fiduċja fihom infushom bħala ċittadini daqs ħaddieħor, u biex jagħtihom eżempju ta' mħabba u rispett lejn art twelidhom. It-twarrib ta' l-ilsien nazzjonali jnissel kumpless ta' inferjorità u jnawwar l-interess taċ-ċittadini f'pajjiżhom. Skond il-prattika magħrufa fid-dinja, l-ilsien nazzjonali hu l-aqwa mezz għat-tagħlim u għat-tkabbir ta' sens demokratiku. Waqt li tagħraf l-importanza ovvja ta' l-Ingliż, L-Għaqda tfakkar li l-Malti m'hux xi ilsien ieħor bħall-oħrajn, iżda hu l-ilsien nazzjonali u nativ ta' kulħadd. L-għarfien tiegħu jsir biss b'miżuri prattiċi.
2. L-ilsien nazzjonali bħala minimu għandu jkollu l-għadd ta' lezzjonijiet fil-ġimgħa li għandhom l-ilsna barranin.
3. L-ilsien nazzjonali għandu jintuża għar-riti reliġjużi kollha, fil-laqgħat uffiċjali kollha ta' l-iskola, bħal premjazzjoni u laqgħat għall-istudenti u l-ġenituri. Għallinqas l-Istorja ta' Malta, ir-Reliġjon u ċ-Ċivika għandhom ikunu mgħallma bl-ilsien nazzjonali.
4. Bħalma jgħallmu l-esperti kollha ta' l-edukazzjoni, l-istudenti għandhom ikunu inkoraġġiti jitħaddtu tajjeb bl-ilsien nativ tagħhom fl-iskola, biex b'hekk jiksbu fiduċja akbar fihom infushom bħall-istudenti barranin.
5. It-taqsima Maltija tal-librerija ta' l-iskola għandha tkun żviluppata daqs kull taqsima oħra u mogħnija bil-bosta pubblikazzjonijiet li joħorġu.
6. Fiċ-ċerimonja tal-premjazzjoni għandhom jingħataw ħafna kotba Maltin bħala premjijiet, biex bħat-tfal barranin it-tfal Maltin jifhmu l-importanza tal-kultura ta' art twelidhom.

## *Tama fil-ġejjieni*

L-Għaqda tal-Malti (Università) tinnota b'sodisfazzjon kbir l-interess qawwi li hawn fost il-poplu fil-kultura Maltija, u l-aktar il-kuxjenza ġdida li hawn favur il-ħtieġa li Malta wkoll tidħol fil-familja tan-nazzjonijiet maturi u tagħti lill-ilsien nazzjonali l-post ewlieni li jixraqlu. L-Għaqda tħeġġeġ lill-Maltin kollha li jħobbu lil art twelidhom, u l-aktar lill-edukaturi, biex jagħmlu kulma jistgħu biex Malta ma tkunx differenti u inferjuri ħdejn nazzjonijiet oħrajn, billi l-wirt nazzjonali, u l-aktar l-ilsien li waħdu jagħmilna nazzjon, jitħares u jingħata l-post naturali tiegħu b'miżuri prattiċi.

L-Għaqda taf li b'hekk qiegħda tleħħen il-fehmiet tat-tfal u ż-żgħażagħ Maltin li jemmnu li m'huma inferjuri għal xejn ħdejn żgħażagħ barranin. L-Għaqda għalhekk tħares lejn il-ġejjieni b'fiduċja liema bħalha għaliex taf li ż-żgħażagħ Maltin iħossu li r-rispett lejn l-ilsien u l-kultura ta' pajjiżhom hu rispett lejhom infushom.



LEJLA F'ĠIEH
PIETRU PAWL SAYDON
Ex-President ta' l-Għaqda
f'egħluq is-sittin sena
mit-twaqqif tagħha
(1931-1991)

# ID-DISKORS TAL-PRESIDENT IS-SUR GEORGE SAID, B.A. NHAR IT-22 TA' FRAR, 1991

Għażiż Rettur, Sinjuri,

Meta nsemmu lill-Professur Pietru Pawl Saydon, żgur li nkunu qegħdin nitkellmu fuq persunaġġ tabilħaqq importanti fl-iżvilupp ta' l-Ilsien Malti. Ix-xogħol li daħal għalih Saydon, ukoll it-traduzzjoni tat-testi mqaddsa, wettqu b'ħila u b'dedikazzjoni liema bħalha.

L-Għaqda tal-Malti tagħti qima lil dan l-istudjuż, mhux biss talli irnexxielu, bil-kompetenza tiegħu, jaqleb għall-Malti l-Kotba Mqaddsa, imma wkoll għax ta ġieh kbir lil ilsien pajjiżna billi wera li dan huwa ilsien tassew nobbli li bih tista' tittraduċi kull tip ta' kitba minn lingwa barranija. Huwa wera bil-ħila kollha tiegħu li l-Malti huwa ilsien sabiħ, u li permezz tiegħu wieħed jista' jikteb l-isbaħ poeżiji, kif fuq kollox għamlu Dun Karm Psaila, Rużar Briffa, u ħafna poeti u kittieba oħra li isimhom u x-xogħlijiet tagħhom jibqgħu minsuġa fl-istorja tal-letteratura Maltija.

Kif se nisimgħu mill-kelliema li l-Għaqda tal-Malti stiednet għal din il-lejla, se naraw kif il-Kotba Mqaddsa li ttraduċa Saydon huma frott ta' studju profond fl-Ebrajk, il-Grieg u l-Latin, kif ukoll fil-Malti. Il-Malti huwa mħaddem sewwa, tista' tgħid b'mod mill-aktar poetiku. Hija ħasra tassew kbira li din it-traduzzjoni ftit li xejn intużat! Huwa żgur li f'pajjiżna dan ix-xogħol hekk ċelebri għadu ma ħax il-post xieraq tiegħu fi ħdan is-soċjetà Maltija, kemm fil-qasam ekklesjastiku, kemm fil-qasam edukattiv kif ukoll fil-qasam kulturali ġenerali, għalkemm diġà għaddew għoxrin sena mill-mewt tiegħu.

Fis-siltiet li se nisimgħu il-lejla wieħed jista' tassew jinnota minnufih kemm il-Malti mħaddem minn Saydon huwa tassew mexxej, poetiku, u lingwistikament eċċellenti.

L-Għaqda tal-Malti (Università) llum tweġġah lil dan l-istudjuż hekk kbir u ta' fama nazzjonali għaliex huwa fuq kollox wieħed mill-persunaġġi l-aktar importanti li mexxew 'il quddiem lil din l-Għaqda, li hu kien president tagħha għal għadd ta' snin. Il-Professur Saydon huwa awtur ta' diversi artikli li ġew ippubblikati f'Leħen il-Malti, l-organu ewlieni ta' l-Għaqda.

L-Għaqda, b'inizjattiva tal-Professur Oliver Friggieri, li huwa l-kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, ħadmet bis-sħiħ biex waħda mis-swali prinċipali tal-Università, din li bħalissa ninstabu fiha, u li sa ftit żmien ilu kienet magħrufa bħala l-Arts Lecture Theatre, tkun appuntu ddedikata u msemmija għal Pietru Pawl Saydon, Professur tal-Kotba Mqaddsa.

Insellmilkom f'isem sħabi kollha tal-kumitat li ħadmu ħafna miegħi biex tittella' din is-serata, u niżżikom ħajr li għoġobkom tiġu hawn illejla.

# Tislima lil Pietru Pawl Saydon

Professur Oliver Friggieri
Kap tad-Dipartiment tal-Malti

Għad-Dipartiment tal-Malti u għall-Għaqda tal-Malti l-isem ta' Saydon hu għażiż ħafna u mimli tifsir, kif għandu jkun għall-pajjiż kollu. M'hemmx il-ħtieġa li nsemmi s-sehem kbir li ta waħdu dan il-persunaġġ kbir lill-kultura Maltija, iżda jixraq li nislet xi ħsibijiet li jistgħu jgħinu biex il-figura tiegħu tkun apprezzata aħjar.

Il-fatt li bil-ħidma tagħna fl-Università għandna sala msemmija għalih hu ċkejken ħafna u l-bidu ta' l-għarfien kollu li jistħoqqlu. L-Università kollha għandha tkun kburija bi professur u studjuż ta' din l-istatura. F'egħluq l-għoxrin sena minn mewtu, li jaħbat ma' egħluq is-sittin sena ta' l-Għaqda, insellmu lit-tifkira għażiża u meqjuma tiegħu u nagħmlu ħilitna kollha biex ismu jibqa' jgħix. Iżda rriduh igħix bil-fatti, u l-fatti jitolbu bidla mill-qiegħ, modernizzazzjoni u aġġornament tal-mentalità, tħaddim ta' kriterji li jressquna lejn id-dinja emanċipata u ħielsa ta' barra, twarrib tal-preġudizzji qodma u bla tifsira li għadhom jitwaħħru fostna.

Tul medda ta' tletin sena Saydon ħadem bla heda biex ta lil Malta l-ewwel traduzzjoni sħiħa tal-Kotba Mqaddsa. Dan hu xogħol li normalment isir minn għadd ta' studjużi u mhux minn bniedem wieħed. Saydon, għaref ta' ras iebsa u mimli fiduċja fil-kompetenzi tiegħu, daħal għal dan ix-xogħol u wettqu bl-akbar ħila. Ħareġ qajl qajl il-kotba minn butu, għad li għall-bidu kien imċaħħad anki mill-permess li jagħmel dan. L-avventura ta' Saydon hi doloruża u tixħet dawl fuq il-fehmiet dojoq u żbaljati li ħakmu fostna, u li għadhom jinħassu f'suriet ġodda.

Saydon hu bniedem li emmen fil-kelma. Emmen qabelxejn fil-kelma ta' Alla, u lill-Knisja ta' Malta ried jagħtiha xi ħaġa li, ħaġa ta' l-għaġeb, ma kellhiex: il-kelma ta' Alla nnifsu bl-ilsien tal-kotra. Dan hu l-aspett pastorali tiegħu, ta' qassis li fehem il-ġejjieni u sfida l-preżent, ħaġa iebsa ħafna. Hu nnifsu stqarr in-niket profond tiegħu li ma kienx mifhum, u tenna li ħajtu kienet taqbida waħda, kważi telfa. Iż-żmien għadu ma tahx raġun għal kollox, għaliex il-preġudizzji ma jmutux malajr, u l-indifferenza istituzzjonali hi kbira u liema bħalha. Illum il-Bibbja tiegħu hi mitbugħa f'edizzjoni sabiħa mill-għaqda tal-MUSEUM, li kienet weħidha li għamlitlu l-qalb u ma ħallitux waħdu. Illum irid ikun in-nazzjon kollu li ma jħallihx waħdu, iżda jagħtih kulma ħaqqu billi x-xogħol monumentali tiegħu jsib l-għarfien veru — bil-miżuri prattiċi u mhux bil-kliem — li jixraqlu.

Saydon li emmen fil-kelma ta' Alla hu wkoll Saydon li emmen fis-seħer u fil-qawwa tal-kelma Maltija. Studjuż bħalu, professur dehni li baqa' jfittex lin-nies sempliċi u bħal Temi Zammit jitgħallem minnhom, ma setax ma jagħrafx x'delitt kienet qiegħda — jew għadha — tagħmel Malta hi u twarrab l-Ilsien Malti. Fih huwa għaraf minjiera ta' għerf qadim li ġie għandna minn ċiviltajiet differenti u ltaqa' hawn, għandna, fuq fommna jew f'ruħna, biex sar lingwa sħiħa, tagħna biss.

L-għarfien tal-kelma tal-poplu hu l-għarfien tal-poplu nnifsu; it-twarrib tiegħu hu l-kuntrarju. Saydon traduttur hu għalhekk eżempju ta' Malti fidil lejn il-poplu, u l-aktar lejn il-kotra li ma tifhimx ilsna oħrajn.

Id-determinazzjoni kbira ta' dan ir-raġel imħolli waħdu — bla inkuraġġiment morali jew finanzjarju, bla apprezzament minn min hu responsabbli — hi t-tweġiba tiegħu nnifsu għad-dulur li xeħtitu fih mentalità dejqa, apatija tradizzjonali. Iżda hi wkoll l-għelm aħħari ta' moħħ dehni li ra fil-bogħod. Irridu nkunu aħna li naħdmu biex nagħtuh illum kulma nsteraqlu bla jedd ilbieraħ. Irridu nkunu aħna li nagħrfuh għal kulma għamel f'art li sikwit ma tapprezzax lill-benefatturi veri tagħha.

Sa llum nafu li ftit kien il-kliem Malti msensel minnu li daħal fit-taħdit u fil-kitba komuni. Dan in-nuqqas ġej mill-apatija istituzzjonali li għadha taħkem bla rażan fil-qasam ta' l-ilsien tagħna. Saydon fehem id-dinamika li hemm fil-Malti, ilsien mibni fuq l-egħruq. U mill-egħruq sensel bosta kliem li wasslu biex irodd l-aħjar tifsira lill-kelma oriġinali. Ġara li l-ġenju tiegħu ma ntlaqax ma' livell medju ta' apprezzament.

Is-sehem tiegħu lill-Għaqda sewa ħafna biex jagħti dinjità lill-Malti fi żmien li kien imgħobbi bi preġudizzji kbar, kulturali u soċjali. Bħalu u miegħu ta sehmu Temi Zammit, persunaġġ kbir ieħor li l-Għaqda hi kburija li tfakkar ir-rabta tiegħu magħha. Saydon ma staħax jidentifika ruħu ma' l-Għaqda u mal-Malti, anzi ġab ruħu ta' suldat ta' konvinzjoni u bla ebda rispett ħlief lejn il-verità. U l-verità kienet u tibqa' li nazzjon li ma jqisx kif jixraq lill-ilsien nazzjonali tiegħu jkun qiegħed jilgħab mas-sanità tal-moħħ, mar-reqqa fl-espressjoni, mal-livelli li tista' tilħaq l-edukazzjoni. Fuq kollox, ikun nazzjon iżolat, maqtugħ għal rasu mix-xirka tal-ġnus ċivili. Din l-internazzjonalità ta' Saydon hi l-qofol tas-sens li bih jara l-affarijiet fil-perspettiva xierqa u komuni tagħhom.

Aħna fakkarna lil Saydon bi dmir. Hu dmir tan-nazzjon kollu għaliex Saydon ta lil Malta kulma kellu: dehnu, ħiltu u flusu. Jilħaq il-quċċata tal-mertu min isieħeb dawn il-valuri flimkien, u għalhekk jitqies bħala idealist, li bil-Malti tista' tfisser "bniedem barra minn postu". Hekk qies hu nnifsu lilu nnifsu, kif kiteb fit-tifkiriet ta' ħajtu.

Qima lejn Saydon tfisser, fil-kuntest tagħna, qima lejn il-kelma ta' Alla, u lejn il-kelma li Alla jitkellem biha mal-Maltin. Tfisser dehen u fiduċja fil-qawwa tal-kelma li ħallewlna missirijietna, bla skola u bla għarfien, sħaħ daqs iż-żonqor, tant li kelmithom għadha fuq fommna, u daħlet f'qalbna b'qawwa tant kbira li rridu naħdmu biex nissoktaw indaħħluha fil-qlub fejn għadha ma daħlitx. Qegħdin naħdmu kontra ż-żmien, għaliex dawn huma lkoll attitudnijiet megħluba u mirbuħa fid-dinja ċivili barranija. Iżda l-iżvantaġġ ta' l-imgħoddi jrid jintrebaħ biex Malta wkoll tidħol fid-dinja tal-ġnus li jirrispettaw lilhom infushom u li ma jiddiskriminawx lingwistikament.

Saydon jagħtina dan l-eżempju ta' fedeltà, u aħna fidili lejh. Fedeltà lejn is-sens komun, li fil-bniedem jixref l-aktar fil-kelma, id-don tal-bniedem, it-tieqa mbexxqa fuq is-sikta elokwenti ta' ġewwa.

Nifraħ minn qalbi lill-istudenti egħżież tiegħi u lill-istudenti l-oħra kollha li daħlu fil-qasam miftuħ għalihom b'tant ħila u sagrifiċċju minn ta' qabilhom. Jalla l-ħeġġa u l-ħila tagħhom jikbru, u ma jiqfux. Is-sens jinsab fuq in-naħa tagħhom.

# F'Tarf Xifer

Il-korda mill-qabla
tinqata' fil-ftuħ,
b'applawsi tal-merħba
fil-globu tad-dmugħ.

Fil-qalb hemm sekonda
bejn ħajja w mewt tħokk,
li tħabbar il-mota
u ddoqq l-aħħar tokk.

Jekk ħsibt minn dal-globu
ser toħroġ rebbieħ,
hemm xifer li jġarrfek
hekk kif tiskorrih.

Marcel Żammit Marmarà

*Id-diskors tal-Prof. Ġużè Aquilina fuq*

# Il-Professur Pietru Pawl Saydon

Fl-għaxar sena wara mewtu, l-Akkademja tal-Malti flimkien mas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (M.U.S.E.U.M.) għamlu laqgħa ta' tifkira f'ġieh Mons. Prof. Pietru Pawl Saydon fl-Auditorium tad-Dar Ċentrali fil-Museum tal-Blata l-Bajda taħt il-patroċinju ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca. F'dik l-okkażjoni jien tkellimt dwar il-Professur Pietru Pawl Saydon u x-xogħol tiegħu fl-Università, suġġett li kien jipprovdi materjal kotran għax il-Professur Saydon kien bniedem ta' għerf, il-veru studjuż dedikat l-ewwel nett għall-istudju tal-Bibbja u l-Ilsien Lhudi, is-suġġett tal-katedra tiegħu (l-ewwel dmir ta' kull professur f'Università hu lejn il-katedra tiegħu). Barra minn hekk kien mogħti b'ruħu u b'ġismu għall-istudju ta' l-ilsien Malti fi żminijiet kontroversjali.

Din id-darba ser nitkellem, kif talabni l-editur ta' Leħen il-Malti, is-sur Borg, dwar xi tifkiriet tiegħi ta' Saydon. Aċċettajt l-istedina, għax ma stajtx nonqos lil wieħed mill-akbar kolonni ta' l-ilsien Malti u ta' l-Istudji Bibbliċi. Kif stajt nonqsu meta fl-1937 jiena sirt Professur ta' l-ilsien Malti; katedra ġdida, bis-saħħa tat-tħeġġiġ tiegħu biex napplika għall-Professorat meta jiena kont fid-dubju jekk kellix nagħmel hekk minħabba li l-istatus ta' l-ilsien Malti, f'kompetizzjoni politika artifiċjali ma' l-ilsien Taljan, ma kien xejn fiż-żgur? Dik il-ħabta l-partiti politiċi Maltin ma kinux għadhom waslu lkoll flimkien għal għarfien ta' lsien il-poplu bħala x-xhieda ta' l-identità nazzjonali tagħna.

L-Akkademja tal-Malti u s-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M., it-tnejn sabu f'Saydon argument ta' kommemorazzjoni. L-Akkademja rat fih, kif għadna naraw fih aħna, waħda mill-aqwa kolonni ta' l-ilsien Malti li fl-1921 twaqqfet biex issaħħu, twettqu u tgħaddih 'il quddiem. Is-soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. rat fih l-akbar studjuż tal-Bibbja li b'sabar kbir qaleb għall-Malti waħdu u stampa minn flusu t-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid. Malta ftit għandna nies li jħabbtuha ma' Saydon għall-istudji Bibbliċi u lingwistiċi. L-Għaqda tal-Malti (Università) sabet ukoll argumenti qawwi għat-tifkira tal-Professur Saydon bħala wieħed mill-aqwa studjużi u difensuri tal-Malti. Il-programm tal-lum storikament, barra li jdaħħal lill-Prof. Saydon bħala l-personaġġ ewlieni ta' din l-okkażjoni, idaħħal miegħu lil dawk li bħalu ħadu sehem qawwi fil-ħolqien u t-tmexxija ta' l-Għaqda tal-Malti (Università). Għalhekk tidħol bil-fors il-memorja taż-żewġ fundaturi ta' l-Għaqda tal-Malti fl-Università u l-ħolqien tar-rivista "Leħen il-Malti" mill-istudenti Rużar Briffa u Ġużè Bonnici li aktar 'il quddiem laħqu tobba. Rużar Briffa dam editur ta' Leħen il-Malti minn Marzu 1931 sa Settembru ta' l-istess sena, sitt xhur kollox; Ġużè Bonnici minn Marzu 1931 sa Frar 1932, madwar ħdax-il xahar filwaqt li l-Prof. Saydon dam minn Marzu 1932 sa l-1939, madwar seba' snin. Warajh iż-żmien daħħal lili bħala l-ewwel Professur tal-Katedra mill-1939 sal-1976: madwar 37 sena. Ma' din il-Katedra ntrabtet ukoll fit-tmexxija tiegħi l-Għaqda tal-Malti (Università) kif ukoll

il-Fergħa Drammatika li ħadmet ħafna għall-palk Malti.

Niġu għall-punt ewlieni tat-taħdita tiegħi — kif niftakar lill-Professur Saydon. L-ewwel żminijiet ta' meta kont għadni student ftit kienu l-istudenti entużjasti tal-Malti. Biżżejjed ngħidilkom li l-istudju tal-liġi kien kollu bit-Taljan għax it-Taljan kien il-lingwa tal-Qorti u tal-kultura. Meta l-Malti daħal flok it-Taljan bħala l-lingwa tal-"lectures" kienet saret protesta mill-istudenti fil-lezzjoni tal-Professur Avukat Carlo Mallia kontra l-użu tal-Malti, u l-istudenti flimkien mal-Professur ħarġu 'l barra mill-klassi. Jiena biss bqajt ġewwa għall-prinċipju.

Sa l-ewwel sentejn li kien ilu joħroġ Leħen il-Malti (1931-1933) dehru fih diversi studji tiegħi; "L-Għana f'ħalq il-Malti" u "Il-Qawl Malti", it-tnejn ta' interess folkloristiku;; "Il-Poeżija ta' Muscat Azzopardi" u "Il-Poeżija ta' Dun Karm", żewġ studji ta' natura letterarja, xogħol ta' student żagħżugħ, kienu l-ewwel xejriet ta' studji tiegħi fi żmien meta l-poeżija Maltija qajla kienet tinqara jew tittieħed bis-serjetà; "Kliem Malti mxerred", ġabra ta' kliem li kien għadu ma nġabarx f'dizzjunarju u li, biż-żmien, daħħalthom fid-dizzjunarju tiegħi "Maltese-English Dictionary". Fl-artiklu "Kliem Ieħor Imxerred u d-Dizzjunarju l-Ġdid", ktibt dan li ġej:

"Mat-tefgħa dejjem 'il quddiem li ħa l-ilsien Malti, qiegħda issa tinħass il-ħtieġa ta' dizzjunarju aħjar mill-Malti għall-Malti, mibni minn għadd ikbar ta' kliem,billi jdaħħal dak kollu li ġie msawwar, użat minn l-aħjar kittieba, u dak li, għalkemm mitħaddet f'xi naħiet, baqa' minn barra, bħalma ġara lil dan li qed niġbor jiena, mid-dizzjunarji li għandna li u għalhekk minn floku aħna nitolbu xi ħaġa aħjar, aktar għal idejna, aktar għanja u fejjieda. Imbagħad jinħtieġ li dan id-dizzjunarju l-ġdid, aktar milli joqgħod jisħaq iżżejjed fuq is-safa tal-kliem u għajdut, ifittex li jlaħħaq għadd ta' kliem kemm jista' jkun kotran, biex b'hekk titħaffef il-kitba bi lsienna; għalhekk ma għandux ikeċċi kliem ta' nisel barrani li hu mitlub mill-ħajja soċjali ta' żmienna, fix-xejriet u tefgħat kollha tagħha. Aħna għandna bżonn dak il-kliem kollu li għandhom dizzjunarji oħrajn, biex nistgħu ntemmu kif imiss il-kitba bil-Malti, fuq kull fergħa ta' studju, fuq kull tefgħa, kull xejra tal-ħidma tal-bniedem, li bih hu miżgħud is-seklu kbir li qegħdin noforqu. Dan għandu jkun il-kriterju li jmissu jmexxi l-bini ta' dan il-wisq meħtieġ dizzjunarju". (Leħen il-malti: Lulju 1932, Nru. 17 p. 9).

Dan il-kliem miktub fl-1932 ġibtu hawn għax ħassejtu bħala l-aħbar ta' dizzjunarju mill-Malti għall-Malti li kien għad irid jinbena u li fil-fatt biż-żmien inbena mill-ħabib tiegħi, illum m'għadux magħna, Erin Serracino Inglott, u rajt ukoll f'din il-kitba l-ewwel xenxil ta' vokazzjoni lessikografika li seħħet fiha fid-dizzjunarju tiegħi "Maltese-English Dictionary". Din il-kitba għamlet impressjoni lill-Professur Pietru Pawl Saydon għax ra fiha, student fost studenti oħra, xhieda ta' interess lingwistiku li kien ukoll wieħed mill-interessi ta' l-istudji tiegħu. Fil-Leħen il-Malti ta' Novembru 1937, naqra x'kien jaħseb Saydon fuq iż-żagħżugħ Aquilina ta' 53 sena ilu: "Aquilina hu żagħżugħ ta' fehmiet kbar u qawwija. Jemmen bis-saħħa kollha ta' ruħu, u xejn ma jħarrku, u xejn ma jqanqlu minn dak

li jemmen. Meta twaqqfet l-Għaqda tal-Malti bejn l-istudenti ta' l-Università fis-sena 1931, hu kien minn ta' l-ewwel li niżżel ismu u daħal biex jitqabad fit-taqbida tal-Malti... Dan hu żagħżugħ li għada jrid isawwar il-karattru Malti tat-tfal li telgħin." Illum naqra b'sodisfazzjon dak li Saydon kiteb fuqi f'editorjal fi "Leħen il-Malti" (Ġunju 1939) għax għallinqas ma ddiżappuntajtux f'dak li kien qed jistenna minni. Fil-fatt hu kien jibża' li billi jien kont nikteb xogħol kreattiv ta' proża u poeżija, stajt ma qgħadtx għad-dixxiplina tar-riċerka bil-periklu li noħroġ il-katedra mill-iskop ewlieni bħala ċentru ta' studji lingwistiċi u xjentifiċi kif wieħed jistenna f'Università.

Sirna ħbieb, żewġ pijunieri ma' studenti oħra fil-ġlieda għall-ilsien Malti fl-Università. Kien jafda miegħi, ikellimni dwar ix-xogħol iebes tat-traduzzjoni tal-Bibbja. Kont immur miegħu l-"Empire Press" biex jagħti l-manuskritti lil Mosè, kompożitur fl-istamperija. Dak iż-żmien l-istampa tal-kotba kienet issir bit-tqegħid tat-tip taċ-ċomb, bl-idejn, tipa wara oħra u kien xogħol iebes.

Bħala karattru Saydon kien bniedem jidher kalm minn barra imma nervuż minn ġewwa; kien jikteb aħjar milli jitkellem; studjuż għaref, kalm imma kien jaf ikun emozzjonat meta kien ikun hemm xi ħaġa jew xi ħadd jinkwetah.

Il-ħbiberija tagħna damet għal ħafna snin sa ma darba waħda din il-ħbiberija, min-naħa tiegħu, u mhux min-naħa tiegħi, birdet u għabet. Ġara li jiena kont inkarigat mil-librerija li bdiet tinbena fl-Università, il-Belt, bix-xiri ta' kotba ftit ftit. Il-Professur kien inkarigat jagħti daqqa t'għajn lil-librerija x'ħin jiġi l-Università dieħel jew ħiereġ, u daqshekk biss. Jiena meta rajt in-numru ta' kotba jiżdied u kien hemm bżonn tal-kontroll biex kollox isir sewwa, għidt lir-Rettur li kien jeħtieġ li jiġi maħtur Bibljotekarju responsabbli l-ħin kollu (full-time). Ma setax ikun li jien nibqa' nieħu ħsieb il-librerija fil-ħin tiegħi liberu bejn lecture u oħra. Saydon kien ħa għalih għax ħassha mossa kontra tiegħu. Ma kenitx mossa kontrieh, qatt ma għaddieli ħsieb bħal dan; kienet biss mossa f'waqtha favur "a library policy" taħt il-kontroll ta' persuna responsabbli kif hemm illum.

Niftakar li bosta xhur qabel dan l-inċident, kellna wkoll daqsxejn ta' twegħir dwar il-kotba li jien nirrikmanda biex jinxtraw għal-Librerija ta' l-Università. Fost dawn kien hemm il-kotba fis-sensiela ta' "Everyman's Library", sensiela magħrufa ħafna li fiha nfisha hija teżor ta' kultura u "scholarship". Saydon kien deherlu li dawn il-kotba kienu ċkejknin wisq għal-librerija ta' l-Università. U jien, naħseb li daqsxejn imnaffar, għidtlu: "Mela allura bilfors kotba daqs messalli?". Saydon ħa għalih u niftakar li Ġużè Cassar Pullicino kien mar għandu ż-Żurrieq biex iberrdu u biex isewwi l-ħbiberija miksura. Saydon, bħal Akille, kellu l-punt debboli tiegħu.

Għalija dawn kienu inċidenti ta' niket għax jekk qatt kien hemm bniedem li ma ridtx noffendi, dan kien Saydon. Imma xorta waħda bqajt nirrispettah f'ħajtu u wara mewtu; xorta waħda dejjem xandart il-merti tiegħu ta' studjuż u semmejt ix-xogħol tiegħu bil-qima u r-rispett li jistħoqq lil studjuż serju.

Il-ħajja ta' kulħadd hi bħal xoqqa mżewqa b'xi tbajja suwed 'l hawn u 'l hemm. Ma' studjuż tal-kalibru ta' Saydon trid tinsa it-tbajja suwed kif għamilt jien. Humanum est errare. Għalhekk ser nagħlaq din it-taħdita tiegħi billi nħeġġeġ lill-

istudenti ta' l-Għaqda tal-Malti (Università) biex mhux biss iżommu isem Saydon fil-għoli fejn tellgħu bl-istudji serji tiegħu, imma jżommuh ukoll bħala l-mudell ta' patrijott Malti u ta' professur għaref li għamel gieh lill-Università u fuq kollox bħala studjuż tal-Bibbja li għamel unur lill-Knisja ta' Malta.

Grazzi ta' l-istedina biex nitkellem fuqu din il-lejla f'ġiehu u għal ġiehu.

**Dalwaqt**

Fil-firxa tas-sema hemm dawn il-kelmiet,
Ta' mħabba w mibegħda, ta' tluq u firdiet,
Dalwaqt tasal rebbiegħa ta' l-imħabbiet,
U twarrad jew tgħarraq dawn l-egħżeż fehmiet.

Jekk immidd għonqi għal xogħol ta' bla mistrieħ,
Ma nsibx il-kenn li sibt qabel dan iż-żmien,
Għalxejn insorr ħwejġi u nitlaq bil-kwiet,
Għalxejn kull ħasba u għalxejn kullimkien.

Joseph Bugeja

Ġunju, 1990

# P.P. Saydon Kif Niftakru Jien

Rev. Kan. Joachim Schembri B.A., Lic.D., L.S.S.

L-Għaqda tal-Malti (Università)
Fis-"Sala Saydon"
(Arts Auditorium),
L-Università ta' Malta,
l-Imsida,
il-Ġimgħa, 22 ta' Frar, 1991, fis-7p.m.

## *Ħabib tas-Sur Fons*

Kont għadni ma nafx min kien jew x'jiżen. L-ewwel darba li rajtu b'għajnejja lill-Professur Saydon kienet meta kont għadni daqsxejn ta' tifel, qabel ma faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija. Dun Pietru Pawl Saydon kien jinżel minn Bingħisa sa San Ġorġ ta' Birżebbuġa u jagħmel passiġġata, tul ix-xtajta, flimkien mas-Sur Fons Galea. Kienu jgħaddu minn quddiemna, u aħna t-tfal tal-villeġġjatura konna nersqu nbusulhom idejhom — lill-wieħed u lill-ieħor.

Is-Sur Fons ma kienx qassis, imma ruħ tajba kien!

## *Meta sirna nafu 'l xulxin*

Il-Gwerra għaddiet u s-sjuf ukoll. It-tmien snin tal-kors fl-Università kienu għaddew nofshom. Kien is-sajf ta' l-1952 u l-Profs u jien, f'bank wieħed tal-karozza tal-linja ta' Birżebbuġa, fi triqtna lejn il-Belt — hu minn Bingħisa u jien mill-Bajja ta' San Ġorġ — bdejna nitħaddtu. B'hekk sar jafni, xi xahar qabel ma beda jgħallimni. Inġbidt lejh minn malli sirt nafu, sa minn dakinhar.

## *Professur tagħna, u minn tagħna*

Bħala studenti kien iħobbna, għalkemm b'ċajt kien igħid: "L-istudenti kollha xorta," (u minn taħt l-ilsien) "dejjem krâkar!" Kellu Latin impekkabbli. Il-Latin għandu l-vantaġġ li minnu nnifsu hu xott u jaqta' fil-qasir. Saydon minn qaddisu kien hekk: jekk jista' jgħaddi b'kelma,ma jużax tnejn. Issib min igħidlek, għal Saydon, li komunikativà ma kellux fil-klassi; iżda aktar naħseb li ma kenitx taqilgħu l-vuċi. Jekk kont trid tifhem xi ħaġa, kont trid toqgħod fl-ewwel bankijiet, inkella titlef il-fil.

## *Jirrispetta lill-istudjużi l-oħrajn*

Il-Prof. Saydon ma kienx iħobb jimponi l-opinjonijiet tiegħu fuqna u għalhekk kien jispjega t-teoriji ta' l-istudjużi kollha: imbagħad, jekk lil Saydon tkun drajtlu l-isfumaturi kollha ta' meta jitbissem, inkella jmejjel rasu, kont tinduna fuq liema naħa jxaqleb. Kien moħħu miftuħ, hekk li spiss kien igħid: "Il-progress isir u jien

nimxi miegħu." Dwar l-iżvilupp kbir li xi Protestanti kienu għamlu fl-istudji tal-Bibbja, Saydon kien iħobb igħidilna: "L-għerf ma hu monopolju ta' ħadd."

## L-artikli ta' studju

Kellu wkoll teoriji tiegħu oriġinali, bħal dik ta' l-iScroll Theory li tispjega kif inħolqu ċerti traspożizzjonijiet (dislocations) f'ċerti kotba, fosthom Isaija, Ġeremija, u l-Evanġelju ta' San Ġwann. Dwar dan, kiteb hawn Malta, fl-Ingilterra, u ġo l-Italja. Bis-saħħa ta' kull artiklu ta' studju mill-pinna tiegħu fil-"Catholic Commentary on Holy Scripture" u fl-aqwa rivisti ta' l-Ewropa u ta' l-Amerika, Saydon ħalla, minbarra l-Bibbja bil-Malti, patrimonju ta' studju xjentifiku għoli fil-qasam tal-kritika bibblika u tal-filoloġija semitika. Mhux ta' b'xejn aħna l-istudenti konna nammirawh u bejnietna nirreferu għalih bhala "Ix-Xiħ". Dik il-ħabta kellu 58 sena, iżda baqa' jgħallem sat-68.

## L-għerf ħabibu

Kien dejjem igħid li, hawn Malta, l-ambjent ma kienx wieħed ta' studju: ma kien hawn xejn x'iħajrek tintefa' fuq il-kotba. B'hekk, biex lilu ma jfixklu xejn, u ma jfixklu ħadd, kien jingħalaq ġewwa u...erħilu jistudja! U biex ħadd ma jmur jiksirlu rasu (ħlief jekk tkun ftehimt miegħu u jinżel jiftaħlek), ġo daru la ried qanpiena ta' barra, la telefon, u lanqas radju (ħlief fl-aħħar marda meta ħallihom idaħħlulu t-television).Lanqas meta l-professuri sħabu kienu jorganizzaw xi social fl-Università ma kien jidher. Iżda mbagħad, xi drabi kien ikun fost il-ħaddâra f'xi tieġ tal-ħbieb fi truf ir-raħal!

## Sejba sensazzjonali

Darba waħda, għadni niftakar, nhar l-20 ta' Novembru ta' l-1959, il-poster tat-"Times of Malta" kellu, b'ittri kbar, din l-aħbar: "Professor Saydon's Discovery". Kien hawn min dawwarha u biċ-ċajt qal: "Saydon kien inħeba u reġa' deher, kien mitluf u nstab" (cf.Lq 15:32). Iżda, fil-fatt, x'kien ġara? Is-Sur Ġużè Cassar Pullicino, il-Librarian ta' l-Università meta kienet għadha l-Belt, kien intebah li fuq il-qoxra ta' ktieb li kien illegat bil-parċmina kien hemm xi kitba, kemm kemm għadha tidher. U l-Profs. Saydon flieha u reġa' flieha, sakemm fl-aħħar induna bil-valur u s-siwi tagħha. Kien manuskritt antik, aktarx tas-Seklu IX W.K., u l-framment kien silta mill-Evanġelju ta' San Ġwann, sewwa sew minn vrus 19 sa 28 ta' kap 17. Għal-Librerija ta' l-Università kienet sejba sensazzjonali u akkwist kbir.

## Sinċier jirrakkontalna

Ma kienx jaħsibha darbtejn u jtarrfilna x'ikun ġralu. Fuq il-bankina fi Strada Merkanti, hu u ġej lejn l-Università, waħda mara ġibditlu l-attenzjoni lejn il-kappell. X'isib? Kien miexi b'ingwanta f'idu mhix milbusa, għolla idu biex jirranġa l-kappell, u ħalla l-ingwanta hemm fuq, ibbilanċjata fuq il-kappell!

## *Mosè u Hu...*

Darba f'nofs lezzjoni beda jgedwed: "Kemm hu kiesaħ! ċis, kemm hu kiesaħ!" Staqsejnieh għal min kien qiegħed igħid. "Għal dak li qafilli l-bagalja." Għax Saydon kellu l-molla tal-bagalja dejjem miftuħa u kien iżomm l-għatu tagħha b'sebgħu meta jkun miexi. Li ġara kien li wieħed minn sħabna ried jara l-molla kenitx imħassra u qafilhielu. Imħassra ma kenitx; imma l-Profs. qal li ma riedx joqgħod jaqfel u jiftaħ, jaqfel biex jerġa' jħoll. Niftakar li darba mort miegħu għand l-istampatur jismu Mosè, biex iħallsu tax-xogħol fuq faxxiklu minnhom, tal-Kotba Mqaddsa; u l-bagalja xorta waħda miftuħa kienet, bil-bieba miżmuma magħluqa biss b'sebgħu, avolja kellu fiha il-mijiet tal-liri. U ġa fhimtu jekk, meta kien jilmenta li hawn Malta ftit huma dawk li jaqraw il-Bibbja kollha kien igħid: "Jien u Mosè biss!" Mosè, kif għedna, kien dak li fl-Empire Press ħadimlu bl-ittri taċ-ċomb il-faxxikli kollha, ittra ittra, mill-ewwel kelma sa l-aħħar waħda, mill-Ġenesi sa l-Apokalissi, mal-medda ta' dawk it-tletin sena.

## *Jistedinna għall-ikel*

Magħna kien jistqarr li żaqqu kien iħobbha. Kien jinqala' biex jaħdem xi ħaġa tal-ħelu u jmidd idejh fil-kċina. Kien, aktarx, l-uniku hobby tiegħu, barra s-safar u l-kotba. Hekk, kien jagħmel il-qalb lil Karmena, il-housekeeper kunjomha Zerafa, li kienet ilha miegħu minn wara l-mewt ta' oħtu. Meta konna seminaristi, f'Lulju, wara l-eżamijiet, kien jistedinna mmorrulu Bingħisa għall-Festa tal-Qalb ta' Ġesù. F'dik il-knisja ċkejkna tal-Kunċizzjoni, fejn il-Profs kien iqaddes kuljum fis-sajf u fil-Ħdud matul is-sena, konna mmorru nkantaw u nagħmlu servizz f'dik il-funzjoni tal-Qalb ta' Ġesù. Konna nkunu minn 10 sa 12 u kien iżommna għall-pranzu. Kemm kienu jifirħu bina il-Profs. u Karmena! U aħna bihom!

## *Hu jaf isajjar, u jien naf niekol*

Ingħid għalija, anke meta sirt qassis, kien jiktibli biex immur niekol għandhom. U bija kien jieħu gost. Tafu għaliex? Għax kont niekol kull ma jqegħedli fil-platt: xi platt kirxa, xi timpana mħawra b'saff patata, jew ilsien imsajjar tajjeb, biex ma nsemmix iċ-ċajta ta' l-aljotta ta' Nhar ta' Ħamis (ħut u laħam flimkien).

## *L-ittri tiegħu...ta' kuraġġ għalija*

Meta wasalna fl-aħħar tal-kors tat-teoloġija, urejtu bil-ħsieb li, f'Ottubru ta' wara, immur nagħmel kors ta' sentejn fl-Istitut Bibbliku. L-idea għoġbitu. Fl-ittri tiegħu b'kitba mill-isbaħ li għadni ngħożż sal-lum, kemm domt Ruma, kellu ħabta jsib il-mod kif iħeġġiġni għall-istudju b'pariri siewja u prattiċi: issa biex fil-librerija tal-Bibbliku nikkonsulta t-tali ktieb, inkella xi artikolu f'rivista,u issa biex nasal wasla sal-kamra tat-tali professur Ġiżwita u niddiskuti miegħu xi punt jew ieħor mid-daqsxejn ta' teżi li ridt nikteb.

## *Saydon, Bea u Piju XII*

Se nirrakkonta episodju mill-aktar għall-qalbi. Meta kont Ruma, Monsinjur Saydon talabni ngħid lill-Kardinal Bea (kien wieħed mill-professuri li kelli u kien għadu ma sarx Kardinal ħlief is-sena ta' wara) biex jippreżenta kopja ta' l-Erba' Evanġelji u l-Atti maqlubin għall-Malti lill-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju XII. Jiena ħadt ħsieb ordnajt il-legatura bajda tal-ġild, u bl-istemma tal-Papa Pacelli, fl-Università Gregorjana. Imbagħad ħadtilha ritratt u bgħattu lil Saydon bħala tifkira. Agostino Bea kull nhar ta' Ġimgħa fit-3.00 ta' wara nofsinhar kienet tiġih il-karozza mill-Vatikan biex imur iqarar lill-Papa. F'waħda minn dawn il-mawriet, Bea ħa miegħu il-ktieb ta' Saydon, li jien tajtu, u ippreżentah lill-Papa flimkien ma' ittra bil-Latin minn P.P. Saydon. Il-Professur Bea deher ferħan li kien qed jagħmel dak il-pjaċir lill-Professur Saydon, wieħed mill-istudenti bikrin u benemerenti ta' l-Istitut Bibbliku.

## *Fil-laqgħat internazzjonali*

Monsinjur Saydon, ta' studjuż kbir li kien, kien jagħti importanza ġmielha lill-Kungressi Internazzjonali tat-Testment il-Qadim u Kungressi oħra ta' Studji Orjentali. Lili, malli temmejt l-istudji f'Ruma, beda jħajjarni nagħmel bħalu. Ħadni miegħu darbtejn: b'hekk, f'Louvain, f'Oxford, u f'Dublin, stajt nara b'għajnejja x'idea għolja tiegħu kellhom il-bibblisti u l-orjentalisti ta' barra minn Malta. Għadni qed inġib quddiem għajnejja meta kont se nsiefer miegħu għall-ewwel darba. Għalkemm kien jaf li ma npejjipx, qalli nixtri xi ftit pakketti sigaretti. Dan biex ikolli x'noffri lill-membri tal-Kungress waqt l-intervalli u hekk ikunli eħfef naqbad nitħaddet ma' dak u l-ieħor. Iżda ġurnata minnhom beża' li naqbad il-vizzju tat-tipjip u jkun ħtija hu. U jiena għidtlu: "Iċ-ċikkulata aħjar minnhom!" Serraħtlu moħħu.

## *Ragħaj ta' l-erwieħ*

Dwar ix-xogħol pastorali, l-akbar tagħlima li tani Saydon hija li fil-Qrar is-saċerdot jiswa ta' l-akbar ġid meta juri ruħu bħala tabilħaqq missier, aktar milli ħaġ'oħra. Dak il-parir għadu jidwi f'moħħi sal-lum, fil-ministêru tiegħi kappillan ta' l-istudenti tan-New Lyceum. Mal-parruċċani ta' Bingħisa hu hekk ġab ruħu.

## *Santa Katarina ssaħħru!*

U la qed insemmu 'l Bingħisa, niskuża ruħi magħkom jekk għadni ma semmejt xejn li Saydon miż-Żurrieq kien u lil Santa Katarina kien iħobbha daqs id-dawl t'għajnejh. Trabba ma' saqajn zijuh Dun Pawl li, jekk ma niżbaljax, kien prokuratur tal-Knisja. Hekk ukoll ħut il-Profs u qraba oħrajn. U tinsewx li daru kienet biswit il-bieb tan-nofs tal-Knisja ta' Santa Katarina.

## *Stil ta' raħli*

Nagħlaq b'aneddotu li jeħodkom mill-ġdid lejn it-telgħa ta' bejn Kalafrana u Bingħisa. Dun Pietru Pawl Saydon kien jieħu gost meta xi ħadd kien jitfixklu ma' xi wieħed mill-bdiewa ta' l-inħawi. Fiż-żmien li konna lkoll nilbsu s-suttana, il-Profs meta jkun Bingħisa kien iħobb joqgħod bil-qalziet twil tad-drapp ta' Franza u qmis bil-kmiem twal biċ-ċingi fuqha. Darba kien nieżel wieħed bir-rota min-niżla ta' Ħal Far u kien se jidħol fuqu. "Skużi ġbin," qallu dak, "kont se ntajrek!" U l-Profs Saydon kien jikkumenta: "Mank qalli 'mgħallem', imqar!"

## L-GĦAQDA TAL-MALTI FOST L-ISTUDENTI

L-Għaqda tal-Malti hi ħajja u llum tiġbor għadd li qiegħed jikber ta' studenti universitarji minn Fakultajiet differenti. L-interess fl-ilsien nazzjonali u fil-kultura ta' Malta qiegħed joktor ħafna wkoll, u dan jidher l-aktar mill-għadd sabiħ ta' studenti li qegħdin jissieħbu fil-korsijiet tad-Dipartiment tal-Malti biex jieħdu Baċellerat fl-Edukazzjoni u Baċellert fl-Arti. Għadd imdaqqas ukoll qegħdin jistudjaw għall-Baċellerat fl-Arti (bl-Unuri) u għall-grad ta' M.A.

Madankollu għad jonqos ħafna xi jsir biex l-ilsien nazzjonali jieħu l-post li jixraqlu fl-ogħla istituzzjoni tat-tagħlim fil-pajjiż. Għad hawn bosta studenti li, minħabba li ngħataw edukazzjoni li ma għallmithomx iħobbu u japprezzaw kulma hu Malti, jispiċċaw biex igħawġu ħalqhom bl-Ingliż imfarrak u jistħu jitħaddtu bl-ilsien tagħna, il-kotra ta' l-istudenti Maltin. Għad hawn skejjel fejn l-ilsien li tatna ommna hu mkasbar u mirfus. Għadna nafu b'każijiet li fihom studenti jkunu mċanfra jekk jitħaddtu bl-ilsien tagħhom, li jibqa' dejjem il-Malti biss. Dan hu kollu sinjal ta' kumpless ta' inferjorità. Min jitħaddet bl-Ingliż minflok bil-Malti jkun qiegħed jagħmel xi ħaġa stramba li ma ssir imkien aktar. Għalhekk edukazzjoni li twarrab l-ilsien u l-kultura nazzjonali hi edukazzjoni żbaljata u antikwata li suppost għadda żmienha.

L-Għaqda tal-Malti se tissokta taħdem sakemm l-awtoritajiet ekkleżjastiċi tal-Knisja Kattolika f'Malta jifhmu d-dmir tagħhom li jassiguraw li f'kull skola li taqa' taħt il-liġi f'Malta, kulma hu Malti jingħata l-ogħla u l-aqwa post. L-istudenti universitarji huma leħen qawwi li jrid jinstema' mal-pajjiż kollu sakemm il-preġudizzji ta' l-imgħoddi jintradmu u jindifnu darba għal dejjem.

# Diskors ta' egħluq f'ġieh il-Prof. P.P. Saydon mir-Rev. Prof. Dun Karm Sant

Dawn id-diskorsi li smajna tal-Prof. Ġużè Aquilina u ta' Dun Ġwakkin Schembri naturalment fakkruni f'ħafna affarijiet li, nista' ngħid, kienu parti minn ħajti. L-ewwelnett ħadt pjaċir ħafna li intom stedintuni biex nagħmel dan id-diskors. Sew ir-rabta tiegħi mal-Prof. Saydon kif ukoll ir-rabta tiegħi ma' l-Għaqda tal-Malti huma intimi. Nista' ngħid li kelli relazzjoni intima mal Prof. Saydon u tant konna ħbieb illi kultant l-Isqof Gonzi flok "Sant" kien isejjaħli "Saydon"!

L-ewwel darba li ltqajt ma' Saydon kien meta daħal il-Malti fl-iskejjel sekondarji, fil-Liċeo. Saydon kien ġie biex igħamlilna l-eżami annwali tal-Malti. Taħsbux li kien xi eżami fit-tul. Il-matrikola dik il-ħabta kienet 120 kelma biss. Dak inhar kont rajtu l-ewwel darba. Kien għadu kemm qam minn marda u kien ikun dejjem bil-bastun, u, forsi min għadu jiftakar, kont tarah sajf u xitwa dejjem bl-umbrella minħabba riġlu. Imbagħad iltqajt miegħu meta ġejt fl-Università. Bħala Segretarju ta' l-Għaqda kienet ħaġa naturali li jkolli relazzjoni intima mal-kittieba li ssemmew hawnhekk ukoll. Imbagħad kien hemm l-interess tiegħi għall kors tat-Teoloġija. B'hekk sirt aktar midħla tiegħu għar-raġuni li kellna l-*lectures* flimkien. Dik il-ħabta l-*lectures* kienu mxerrdin 'l hemm u 'l hawn. Kienu *lectures* ta' żmien il-gwerra. Għamilna *lectures* il-Gotti; oħrajn saru fil-H.Q. ta' l-*iscouts* u fl-Istitut ta' San Ġużepp. Fl-aħħar imbagħad ġejna fl-Università. Mhux l-ewwel darba li Saydon għamlilna *lecture* bil-bombi neżlin madwarna. Kien igħidilna li jekk immutu hawnhekk, id-dinja xorta tibqa' miexja mingħajrna. Darba minnhom, nofs siegħa wara li konna ħriġna, f'xi s-siegħa, waqgħet l-Aula Magna bil-bombi.

Fil-kors tat-Teoloġija kont nara 'l Saydon ukoll. Kien igħallimna l-Iskrittura u kif diġà qalilkom Dun Ġwakkin, kellu Latin perfett. Saydon ma kienx it-tip li jpaċpaċ, imma l-qawwa tiegħu kienet fil-pinna. Ma kienx iħobb jitkellem u fil-fatt fil-laqgħat kont tarah f'xi rokna u ħaddieħor ipaċpaċ bil-karti f'idejh. Imma mbagħad ara tiġi f'idejn il-pinna tiegħu! Fil-lingwi kollha kellu ċerta konċiżjoni li tiskantak. Forsi ġejja mill-formazzjoni li kellu tal-Latin. Kif diġà smajna minn Dun Ġwakkin, fil-*lectures* tiegħu konna nkunu l-erbgħa ta' quddiem attenti u l-oħrajn...

F'dak li hu studju kien iżomm ruħu "konservattiv". Però fil-kuridur kien igħidilna kollox. Jien ngħid għalija għallimt mhux dak li smajt fil-katedra iżda b'li għallimni fil-kuriduri. Għax, kif kien igħid hu stess, kellu ideat avanzati imma naturalment meta kien ikun fil-katedra kien joqgħod attent.

Saydon kien wieħed mill-ewwel diretturi ta' l-Għaqda. Huwa daħal fl-Università fl-1931 u baqa' sa l-1964. Kellu għadd ta' kuntatti ma' barra. Niftakar meta kont mort l-ewwel darba l-Bibbliku u kulħadd beda jsaqsi għalih. Issemma l-Kardinal Bea. Meta kont nasal Ruma biex nistudja u kienu jarawni kienu minnufih jistaqsuni kif inhu l-Prof. Saydon. Darba minnhom kif rani l-Kardinal Bea fis-sajf qalli, "X'sar mill-Prof. Saydon?" u jien għidtlu li kien qiegħed Bengħajsa u li 'l bieraħ stess kont miegħu. Qalli li għandu l-*proofs* tal-Bibblika u xtaq ikun jaf x'sar

minnhom. Fissirtlu li ma kont naf xejn dwarhom u ktibt lil Saydon. X'kien ġara? Saydon meta kien ikun Bengħajsa, il-posta taż-Żurrieq ma kienx jirċiviha. Kien iħalliha wara l-persjani tinġemgħa hemmhekk. Meta imbagħad kien imur lura kien jiġborha u kien jagħmel hekk apposta. "Biex ma joqogħdux idejquni" kien jgħid. U ħalla l-*proofs* ta' din ir-rivista bibblika hemmhekk — rivista internazzjonali li kien kiteb fiha diversi drabi. Wara li ktibtlu irċevejt ittra mingħandu flimkien mal-*proofs* u fissirli x'kien ġara.

Il-kontribut tiegħu dwar it-traduzzjoni tal-Bibbja. L-ewwelnett Saydon kien wieħed mill-promoturi tal-Malti, bla dubju. Jiena naħseb li l-interess tiegħu fil-Malti beda meta kien il-Bibbliku. Hemmhekk aħna l-istudenti tat-Teoloġija meta konna nsibu fl-Ebrajk xi kelma taqbel ma' tal-Malti konna niġġennu bil-ferħ. Naħseb li Saydon beda jinteressa ruħu hawn Malta għax kien diġà daħal l-Ebrajk fl-Università u kien jgħallmu Monsinjur Gonzi u forsi kien hu li deffislu f'rasu biex imur il-Bibbliku. Monsinjur Gonzi kien l-ewwel Professur ta' l-Iskrittura u l-ewwel sentejn kien għallimhom b'xejn imbagħad kien inħatar b'mod normali. Kien għalhekk jgħallem l-iskrittura u l-Ebrajk. Il-Grieg kien għadu ma daħalx għalkemm ir-Rettur Grima ried idaħħlu. Naturalment meta Saydon kien jistudja ma' Monsinjur Gonzi, li kien jiġi l-Professur tiegħu, kien introduċa ruħu ma' l-Ebrajk u baqa' affaxxinat mill-Ebrajk. U naħseb hawnhekk qam l-interess tiegħu fil-lingwi orjentali, u naturalment magħhom il-Malti. Dan qed ngħidu mill-punto di vista filoloġiku u xjentifiku u mhux mill-pożizzjoni soċjali tal-Malti fis-soċjetà Maltija għax dik hija kwistjoni oħra. Biss, meta ħa l-quddiesa huwa mar il-Bibbliku biex jistudja u jieħu l-Baċellerat minn hawnhekk. Dik il-ħabta l-Bibbliku kien ilu xi disa' snin imwaqqaf. Il-Bibbliku ġie mwaqqaf fl-1909 u Saydon kien mar fl-1920. Hemmhekk huwa ltaqa' mal-Prof. Vaccari li kien interessa ruħu fil-Malti u saħansitra kiteb grammatika ta' l-Għarbi u kien jaf jaqra u jitkellem bil-Malti daqsna. Dan Patri Vaccari kien miet ta' 39 sena imma kelli x-xorti li jmexxili t-teżi tiegħi għal-lawrja fl-1964. Kien qajjem dan l-interess fil-Malti, kiteb ħafna artikli dwar il-Malti u kien jinteressa ruħu f'dik li hi filoloġija.

Issa niġu għax-xogħol tiegħu fuq il-Bibbja. Ix-xogħol tiegħu tal-Bibbja milli jidher nistgħu ngħidu li beda fl-1920. Meta ġie minn Ruma, Alfons Marija Galea u Pietru Pawl Grima milli jidher ftehmu ma' Saydon sabiex bejniethom it-tlieta jittraduċu l-Bibbja kollha mill-bidu sa l-aħħar. Milli jidher qassmu x-xogħol b'mod li Saydon ħa l-bidu tal-Bibbja u l-oħrajn il-bqija. Saydon beda jittraduċi l-Ġenesi u beda jittraduċi mill-Ebrajk (mil-Lhudi) fil-waqt li l-oħrajn ma kinux jafu bil-Lhudi; la Alfons Marija Galea u l-anqas Pietru Pawl Grima. (Għalkemm Alfons Marija Galea kien beda jmur għal-lezzjonijiet ta' l-Ebrajk fl-għoxrinijiet għand Monsinjur Gonzi u wara l-1924 kien hemm jgħallem Patri Callus, Dumnikan u li mbagħad mar Oxford fl-1930 u baqa' hemmhekk sakemm ħa l-pensjoni u wara miet hawn Malta) Saydon għalhekk beda jittraduċi mill-Ebrajk bl-ideal li jibqa' jittraduċi sa l-aħħar mil-lingwi oriġinali kif fil-fatt ġara. Però sa l-1932 kienu dawn it-tlieta li flimkien ittraduċew il-Bibbja kollha kemm hi. Dawk il-faxxikoli ta' Saydon tal-bidu u l-bqija kienu ppubblikati fis-serje li kien joħroġ Alfons Marija Galea (bħal dawk

tal-"Mogħdija taż-Żmien" iżda mhux minnhom). Saydon baqa' sejjer bix-xogħol tiegħu mill-Grieg u mill-Ebrajk sakemm fl-1958 ittraduċu l-Bibbja kollha.

Fl-1937 kienu fittxewh il-Protestanti u dwar dan għandi artiklu aktarx imxandar fil-*Journal of Maltese Studies*. Xtaquh jagħtihom il-*copyright* u s-segretarju jew l-aġent tagħhom kien irrapporta Londra li avviċina lill-Prof. Saydon u la ma jridx jaċċetta l-ortografija l-ġdida. Dan kien proprju l-kuntrarju. Fil-fatt, Saydon kien qalli li ma riedx li l-Protestanti jużaw ix-xogħol tiegħu għall-Propaganda Protestanta. Saydon imbagħad ippubblika dawn il-libretti. Tinsewx li kienu ż-żminijiet iebsa tal-gwerra li għaddejna minnhom aħna.

Dwar il-kwalità tat-traduzzjoni: l-ewwelnett kienet xi ħaġa ġdida li Kattolku jittraduċi l-Bibbja mil-lingwi oriġinali u kienet xi ħaġa espressament ipprojbita għall-użu popolari. Saydon ħa inizzjattiva oħra favur il-Malti fis-sens li l-Kattoliċi dik il-ħabta ma kellhomx f'moħħhom li t-traduzzjoni tagħhom kienet se tintuża fil-Quddiesa, fil-Liturġija. Dik kienet ħaġa li ebda Kattoliku ma kien joħlomha! Aħna kellna nagħmlu bħal kif sar ġo l-Ingilterra u l-Ġermanija fejn kellhom traduzzjoni ta' traduzzjonijiet fost il-Kattoliċi u kellhom jagħmlu traduzzjonijiet ġodda adattati għall-quddiesa. Aħna kellna nagħmlu bħalhom, allavolja l-affari kienet ikkomplikata fis-sens illi kellna u ridna nadattaw ruħna għall-poplu. Tajjeb li ngħiduha din il-verità storika — għall-ewwel użajna l-Bibbja ta' Saydon fil-waqt li biddilna xi kliem u kien hawnhekk forsi l-unika darba li kelli xi ngħid miegħu. Għax ma ried ibiddel assolutament l-ebda kelma! Fil-fatt konna ppubblikajna wieħed mill-ewwel libretti bit-traduzzjoni tiegħu u jien biddilt xi kliem. Qalli biex inniżżel fl-introduzzjoni tal-librett illi dak it-tibdil ma sarx bl-awtorità tiegħu iżda ta' l-oħrajn. U hekk kellna nagħmlu!

Ix-xogħol ta' Saydon fil-Malti jibqa' fundamentali. Dik il-ħabta kien hemm żewġ tendenzi dwar il-Malti: tendenza minnhom kienet li nittaljanizzawh; l-oħra li nressquh lejn l-Għarbi kemm jista' jkun. Kienu żewġ estremitajiet u issa għandna mnejn sibna t-triq tan-nofs. Saydon naturalment kellu l-idea, dik il-ħabta bħal kittieba oħrajn, li "jibnu l-Malti"; nies bħal Cremona u Dun Karm kollha kellhom dan il-ħsieb. Illum din l-ansjetà mhix qiegħda fina. Naturalment il-kontribut ta' Saydon jinsab hawnhekk.

Hemm ħafna aktar x'jingħad iżda ż-żmien ma jippermittix. Nawguralkom li tmexxu l-Għaqda 'l quddiem. Aħna matul il-gwerra bqajna sejrin bil-konferenzi u meta iċċelebrajna l-għaxar anniversarju fl-1941 kien il-Ħadd u hekk kif bdejna l-programm bdew neżlin il-bombi fuq l-*Illustrious*!

# LAQGĦAT LETTERARJI GĦALIK

Qatt ktibt poeżija jew novella u tixtieq tkun taf x'siwi għandhom? Tixtieq issib għajnuna fl-isforzi tiegħek fil-kitba letterarja? Tinteressak l-idea li tiddedika ħajtek għall-kitba biex 'il quddiem inti wkoll tkun kittieb Malti?

L-Għaqda tal-Malti tagħti servizz f'dan il-qasam ukoll lill-istudenti universitarji billi tniedi seminar kull tant żmien, immexxi mill-Professur Oliver Friggieri. Huma mistidnin l-istudenti kollha. Matul is-seminar jinqraw dawn ix-xogħlijiet u mbagħad ikunu mistħarrġa silta silta skond metodi kritiċi moderni.

L-Għaqda tgħinek ukoll ixxandar l-ewwel xogħlijiet tiegħek bla ebda ħlas ħlief tas-sħubija ta' darba f'sena. L-imseħbin għandhom il-possibbiltà li jaraw xogħlijiethom imxandrin f'"Leħen il-Malti", rivista li issa daħlet fil-wieħed u sittin sena tagħha.

# NIFIRĦU LIR-RETTUR IL-ĠDID

L-Għaqda tal-Malti tifraħ lir-Rettur il-ġdid, ir-Rev. Professur Peter Serracino Inglott u tixtieqlu żmien twil u sabiħ fil-ħatra mistħoqqa tiegħu. L-Għaqda tifraħlu wkoll f'isem l-istudenti tassew Maltin għaliex fih qegħdin nittamaw li jkollna Rettur Malti kif jixirqilna. Qegħdin nistennew li jkun hu li jdaħħal lill-Università ta' Malta fis-seklu għoxrin f'dak li hu l-għarfien ta' l-ilsien u tal-kultura nazzjonali f'Tal-Qroqq. Kemm ilu li sar Rettur ħareġ l-ewwel ċirkulari mingħandu bil-Malti. Ma temminx li din hi l-ewwel ċirkulari bil-Malti li qatt ħareġet minn kemm ilha mwaqqfa l-Università ta' Malta f'Malta. Ma titwemminx imma vera. Nifirħulu wkoll li qiegħed imexxi l-laqgħat tas-Senat u tal-Kunsill bl-ilsien tagħna, u nafu li din hi ħaġa li ġiet apprezzata minn kulħadd. Nifirħulu li fiċ-ċerimonja tal-ftuħ tas-sena akkademika 1991-92 tkellem bl-ilsien tagħna, ħaġa li nafu li ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-istudenti kollha. Nittamaw li ma jdumx ma jdaħħal riformi oħrajn li bihom l-Alma Mater tagħna ma tkun xejn anqas minn oħrajn f'dak li hu l-għarfien tal-kultura nazzjonali.

Rappreżentanti ta' l-Għaqda ltaqgħu miegħu diġa' u tħaddtu għadd ta' punti, li għandna tama qawwija li jseħħu fi żmien qasir. Nifirħu lir-Rettur il-ġdid tagħna, qabel xejn għaliex hu Malti bħalna, neputi xieraq ta' l-istudjuż magħruf Erin Serracino Inglott.

# X'tip ta' kitba tinteressa lill-Maltin? [1]

*minn Ġorġ Mifsud*

Dan l-argument huwa vast wisq biex tifthu fi ħmistax-il minuta. Fil-qosor se nipprova nitkellem fuq il-punti ewlenin li jispikkaw orizzontalment u vertikalment b'referenza għall-ktieb Malti — orizzontalment fost il-Maltin stess li jagħżlu l-ktieb x'jaqraw u vertikalment fost l-awturi u l-pubblikaturi li flimkien qed ikunu l-egħjun ewlenin li jipproduċu l-kotba u li jagħżluhom jew iwarrbuhom il-qarrejja. Se nagħti l-kummenti tiegħi bħala kittieb u għalliem tat-tfal, l-aktar fil-qasam sekondarju mill-I Klassi u sas-VI Klassi.

Żviluppi fl-għażla, fil-kwalità u fl-oriġinalità tal-ktieb Malti saru żgur f'dawn l-aħħar għoxrin/ħamsa u għoxrin sena. Min għalaq il-ħamsa u t-tletin jiftakar sewwa l-faqar tal-kotba fuq l-ixkafef tal-librerija u tal-ħwienet għal dik li hija għażla ta' kotba bil-Malti. Dawk kollha fostkom li bħali għamlu l-Matrikola Ordinarja u Avvanzata tal-Malti xi ħmistax/għoxrin sena ilu jiftakru l-faqar fl-għażla, fl-argumentazzjoni u fl-istampar tal-kotba li kellna, tant li ħafna minn sħabna dak iż-żmien kienu jispiċċaw biex jobogħdu u jwaqqgħu għaż-żufjett il-"letteratura" li kellna nistudjaw u li f'"xahrejn", biex nuża l-kliem-moda tagħhom, kienu kapaċi jgerfxu kollox.

Mill-banda l-oħra ma rridux inkabbruha żżejjed: fil-familji, fil-klassijiet iż-żgħar u l-kbar, ġie li anke fost l-għalliema sħabna u s-surmastrijiet u s-sinjori bħala l-awtoritajiet ta' fuqna, għad baqa' oppożizzjoni ġmielha u xettiċiżmu kiefer fuq l-importanza tal-Malti, kemm tal-lingwa u wisq aktar tal-Letteratura. Minn żmien ir-"rewwixta" b'saħħitha tas-Sittinijiet għadda żmien biżżejjed biex nistħarrġu xi ftit flimkien illum aħna u resqin lejn tmiem is-seklu għoxrin, "X'tip ta' kitba tinteressa lill-Maltin?"

Nippreferi naqsam lill-qarrejja tal-kitba bil-Malti f'dawn il-kategoriji soċjali: 1. it-tfal ta' l-iskejjel primarji, 2. it-tfal ta' l-ewwel tliet snin fl-iskejjel sekondarji, 3. it-tfal fir-IV u l-V Sena tas-Sekondarja u l-klassijiet tas-Sekondarja Ogħla, 4. il-professjonisti, 5. in-nisa tad-dar, 6. il-ħaddiema ta' l-id, il-morda u x-xjuħ.

Bl-eċċezzjoni kbira ta' kotba relevanti bħal **Rajt Malta Tinbidel** (1974) ta' Herbert Ganado u **Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri** (1986) ta' Oliver Friggieri, ikollna nistqarru li l-biċċa l-kbira tal-Maltin jaqraw biss żewġ kwalitajiet ta' kotba: 1. il-kotba ta' l-iskola u ta' l-eżami, 2. il-gazzetti, mgħobbija wisq b'enfasi qawwija fuq il-politika. Anzi mit-III Klassi tas-Sekondarja 'l fuq mhux darba u tnejn issib numru mdaqqas ta' studenti li jixtru l-gazzetta ta' kuljum jew ta' l-inqas iġibuha fil-klassi magħhom, anke f'xi skejjel privati (fejn ir-regolamenti jordnaw xorta oħra). U ż-żewġ kotba li semmejna ftit ilu u li nqraw minn bosta Maltin u Għawdxin għandhom doża qawwija ta' aspetti politiċi. Għala dan?

Id-delettanti tal-**Melitensia**, u li jiena nqegħedhom mat-taqsima tal-professjonisti, ma jipproduċux suq kbir. Rari jaqbżu l-500. Il-pubblikatur lokali jaf biżżejjed li jmur tajjeb bil-kotba ta' l-iskola. L-iskola għandha suq magħruf u jista'

bi dritt jippjana minn qabel skond l-għadd ta' l-istudenti. Imbagħad, anqas minn hekk hemm ir-rumanzi u n-novelli popolari, 'il bogħod minn kull kreattività jew metaforizzazzjoni. Dawn il-qarrejja tagħhom ilaħħqu ma' l-elf/elfejn ruħ u jiżdiedu ġmielhom jekk ix-xogħol jinqara fuq il-mezzi tax-xandir u l-pubblikatur jirnexxilu jitfgħu fis-suq fl-istess żmien. Allura, għala r-rumanzi u l-kotba ta' ċertu livell artistiku aċċettat ftit li xejn għandhom ċans jaqbdu l-art hawn Malta, ħlief meta jkunu t-testi għall-eżami? Lanqas ma hemm għalfejn f'dan il-kuntest niddiskutu l-antoloġiji tal-poeżija minħabba l-istmerrija kbira li jitilgħu biha kontrieha t-tfal sa mill-klassijiet bikrin tal-primarja minħabba sistema ħażina ta' tagħlim bl-amment.

Għall-mistoqsija li għadni kemm għamilt nibda nwieġeb billi nqegħdilkom xi fatti konkreti. Safejn naf jien sa issa saru biss żewġ **"surveys"** fuq il-qari tal-Maltin u li ftit li xejn ingħataw prominenza fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni. Minkejja li saru biss fost l-istudenti, il-konklużjonijiet tagħhom għandhom relevanza kbira għall-argument tagħna għax jirriflettu sew fuq il-qagħda kulturali u edukattiva ta' l-ambjent u l-familja Maltija.

Fl-ewwel **"survey"** li sar f'Novembru, 1979 mill-"Għaqda Bibljotekarji" Maltin fost 1,600 student ta' l-iskejjel primarji u sekondarji, insibu li 54.3% ta' l-istudenti fl-iskejjel tal-Gvern jippreferu jaqraw bil-Malti, waqt li 94.7% fl-iskejjel privati jippreferu jaqraw bl-Ingliż (ara, **Għaqda Bibljotekarji Newsletter**, Ottubru-Diċembru, 1982).

It-tieni **"survey"** sar fir-rebbiegħa ta' l-1981 mill-Ġermaniż Reinhold Kontzi, professur fl-Università ta' Tübingen u li għal dawn l-aħħar 27 sena qagħad jispeċjalizza fil-fonetika u l-lingwistika Maltija. Flimkien mas-Sur Joe Zammit Mangion mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni jiena kelli sehem sħiħ fil-preżentazzjoni tal-mistoqsijiet tal-kwestjonarju lil għaxar skejjel, bħall-Iskola Teknika tan-Naxxar, l-Iskola Sekondarja ta' St Andrews, Maria Regina tal-Blata l-Bajda, is-Seminarju tar-Rabat, Malta, il-Kulleġġ San Alwiġi, il-Kulleġġ tas-"Sacred Heart", u l-Kulleġġ tad-Dorotej fl-Imdina. Ir-riżultati li rnexxielu jiġbor Kontzi huma importanti ħafna għall-qasam soċjo-edukattiv u letterarju Malti u min irid jista' jarah fl-istudju tiegħu bil-Ġermaniż **Theorie, Methoden und Modelle der Kontaklinguistik — Methodische Probleme des Maltesischen: Faktoren, die in zweisprachiger Situation die Erhaltung einer kleinen Sprache Hemmen oder Fördern** (bil-Malti, **Teorija, Metodi u Mudelli tal-Lingwistika tal-Kuntatt — Problemi Metodiċi tal-Malti: Fatturi li f'Sitwazzjoni Bilingwali Jseddqu Jew Jostakolaw il-Preservazzjoni ta' Lingwa Ċkejkna**, Bonn, 1983, paġ. 347-58).

B'kollox Kontzi ġabar 1,400 kwestjonarju, li flimkien mal-kwestjonarju ta' l-"Għaqda Bibljotekarji" jgħaqqdu n-numru sabiħ ta' 3,000 student. Il-punti relevanti għal-laqgħa tagħna llum huma:

| | Skola Teknika Naxxar | San Alwiġi | Is-"Sacred Heart" |
|---|---|---|---|
| **Qari bil-Malti biss** | | | |
| gazzetti | 35% | 5% | 2% |
| ·kotba | 16% | 3% | 0% |
| **Qari bl-Ingliż biss** | | | |
| gazzetti | 9% | 33% | 56% |
| kotba | 22% | 44% | 51% |
| **Qari bil-Malti u bl-Ingliż** | | | |
| gazzetti | 56% | 62% | 42% |
| kotba | 62% | 51% | 48% |

Skond Kontzi, u hawn qiegħed nislet kelma b'kelma, "...Mill-istudenti tas-sengħa ta' l-Iskola tan-Naxxar 22% jaqraw biss kotba bl-Ingliż. L-attitudnijiet tal-lingwa jidhru kumplessi ħafna iżjed. L-istudenti b'rabta qawwija ma' l-Ingliż iħossuhom miġbuda b'sens qawwi lejn il-Malti. Dawk li ma' l-ewwel daqqa ta' għajn jidhru jispikkaw favur il-Malti, tant jafu bl-Ingliż li jaqraw kotba bl-Ingliż. F'dan il-każ irridu nieħdu flimkien lil dawk li jaqraw bl-Ingliż biss ma' dawk li jaqraw biż-żewġ lingwi u hekk għall-istudenti tan-Naxxar nitilgħu sa 84%" (paġ. 355).

Mis-"**survey**" ta' Kontzi jidher wisq l-għadd kbir ta' studenti Maltin li ma jaqrawx, mhux biss bil-Malti iżda wkoll bl-Ingliż, f'soċjetà bilingwali. Kotba bil-Malti, ngħidu aħna, bejn it-tliet skejjel imsemmija, jaqraw minn ras għal ras 6.33%, bil-Kulleġġ tas-"Sacred Heart" li jispikkaw għax ma jaqraw xejn waqt li tan-Naxxar jaslu biss sa 16%. Bl-Ingliż biss il-perċentwal jitla' ras għal ras għal 39%, bil-Kulleġġ tas-"Sacred Heart" l-aktar li jaqraw u b'tan-Naxxar għal 22%. Bl-Ingliż u bil-Malti l-perċentwal jispara 'l fuq minn ras għal ras għal 50.3%, u kif stqarr Kontzi, jitla' għal 62% għal tan-Naxxar.

Jidher biċ-ċar li l-qari bil-Malti għadu għaddej, kif sa issa minn dejjem kien, minn żmien marradi minkejja li l-Malti ilu lingwa nazzjonali 'l fuq minn 50 sena. Għandu marda li tirrifletti l-ambjent kulturali Malti kollu. Kulħadd għadu bl-idea fiss li biex tgħallem u/jew biex tikteb bil-Malti ma hemmx għalfejn tkun studjajtu qabel, qisu l-Malti jrid jingħadd bħala l-eċċezzjoni miskina fost il-lingwi kollha tad-dinja. Għalija dan jixhed is-sens kbir ta' inferjorità li għadna mwikkijin bih minħabba l-kolonjaliżmu.

B'xorti ħażina anke mill-kittieba u l-għalliema stess tal-Malti qed issir ħsara kbira: ngħidu aħna, hemm in-nuqqas ta' preparazzjoni fil-lingwistika u fil-letteratura b'tali mod li l-istudenti qed jiddejqu jisimgħu u mal-qattusa teħel l-għarusa. Imbagħad, toħroġ ktieb u kull kittieb u għalliem li jafek jippretendi

b'wiċċu minn quddiem li tnewwilu kopja b'xejn u b'hekk tkun diġà qtajt qalb il-pubblikatur tiegħek b'dawn il-kopji komplimentari. Karmenu Vassallo kemm-il darba qalli li l-kittieb Malti sinċier irid jaħdem "bil-ponta tas-sejf", li l-kittieba tal-Malti ftit kienu jixtrulu l-kotba tiegħu u ġie li ħarġilhom hu minn butu stess biex jixtrilhom kopja għax ma kienx jifdallu kopji personali. Darba waħda, meta kont ħriġtlu l-antoloġija ta' ittri **Għażiż Karmenu...** (1982) bl-għajnuna sħiħa tad-direttur tal-Kumpanija Gulf, illum P.E.G., is-Sur Manwel Debattista, Vassallo sab ma' wiċċu qatgħa kbira: filli ħafna entużjażmu mill-kittieba u filli ftit kienu minnhom li xtraw kopja! L-aħħar kopja ta' l-ewwel edizzjoni ta' l-antoloġija tiegħu **Nirien** (1938) kien taha b'xejn fl-1970, kważi 35 sena wara, qisu l-kittieb ma għandux dritt igħix bħal ħaddieħor!

Esperjenza personali tolqot ir-rivista **Mis-Sillabu** għall-istudenti tal-Matrikola tal-Malti fil-Livell Ordinarju u fil-Livell Avvanzat. Bl-għajnuna sħiħa tas-Sur Debattista u tas-Sur Mario Azzopardi rnexxielna noħorġu biċċa xogħol li kienet tingħoġob ħafna mill-istudenti għall-fejda, għall-kreattività u l-oriġinalità fil-produzzjoni. Imma sabet għadd ta' individwi, fosthom xi għalliema, li għamlulha ħsara kbira: il-materjal tar-rivista għamluh tagħhom, ħadulu fotokopji bl-egħxieren u għaddewh lill-istudenti tagħhom bla ma rreferew għaliha u bla ma taw kas tal-jedd letterarju u editorjali bi ħsara kbira finanzjarja għall-kumpanija. Jidhirli li l-problema tal-kitba qiegħda fost l-oħrajn, fostna wkoll il-kittieba u l-għalliema u qabel ma nikkritikaw lil ħaddieħor jaqbel li nduru magħna nfusna sewwa u nħarsu lejn ħotbitna.

X'jista' jsir?

1. Nikkonvinċu ruħna qabel kulħadd li l-Malti għandu jeżisti bla ebda kundizzjoni bħala **karatteristika** nazzjonali u mhux biss bħala **wirt** nazzjonali li tista' ma tkunx delettant tiegħu, bħal min m'huwiex delettant ta' l-antikità. Ma hemm xejn ħażin f'li wieħed jilqa' l-kultura internazzjonali li teħodna 'l hemm mill-egħluq tax-xtut tagħna; imma tkun ħasra, anzi diżgrazzja jekk nitilfu għal kollox l-identità nativa tagħna. L-aspetti Maltin ta' l-etos tagħna jistgħu ma jkunux "kbar" jew "sbieħ" għal ħaddieħor, iżda xorta jibqgħu s-sehem waħdieni tagħna liċ-ċiviltà.

2. Id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni hemm bżonn li jkompli **jagħti** importanza lill-Malti daqs is-suġġetti l-oħra u tinqata' darba għal dejjem il-mentalità li l-Malti jista' jgħallmu kulħadd jew li r-Reliġjon ma ngħallmuhiex bil-Malti bħalma għadu jiġri f'xi skejjel privati. It-traġedja hija akbar fi skola magħrufa għax il-Letteratura u l-Grammatika tal-Malti fir-IV Klassi qed jitfissru l-ħin kollu bl-Ingliż!

3. Aħna l-kittieba kollha hemm bżonn naqtgħuha darba għal dejjem li jekk xogħolna ma jippreżentax kontribut serju lill-Malti, aħjar ma noħorġu kotba xejn. Il-pajjiż ibati bil-kotba medjokri u bir-raġun kollu l-pubblikaturi ma jafdawniex. Il-pubblikatur jew il-qarrej li lgħabnieh darba, darba oħra joqgħod b'seba' għajnejn anzi seba' mili 'l bogħod minna. Il-kritika oġġettiva u onesta għandna nfittxuha u ngħożżuha u mhux nistkerrhuha.

4. Il-pubblikaturi u l-awtoritajiet tal-pajjiż nitolbuhom jirrispettaw id-drittijiet tagħna. Għandna nitħallsu bil-fier u dan il-ħlas ma għandux jitqies bħala karità u bħala privileġġ. L-awtoritajiet tal-pajjiż għandhom itawlu d-dritt tal-"copyright" għall-anqas għal 50 sena wara l-mewt tal-kittieb u jgħinuna fix-xogħol tagħna. Sa issa s-sussidji lill-kittieb Malti, b'xi ftit eċċezzjonijiet, dejjem kienu miżeri.

5. Fil-pajjiż ma għandniex it-tradizzjoni tal-qari fit-trobbija tal-familja. M'hux sewwa li l-kotba fl-iskejjel tal-Gvern jingħataw lill-istudenti fil-bidu tas-sena biex imbagħad jittiħdulhom fl-aħħar tas-sena skolastika, qisu l-qari wkoll għandu l-vaganzi tiegħu. Hawn għadd ġmielu ta' nies li ma jridux ikunu jafu b'qari u b'din is-sistema l-ferita qed inkomplu nkabbruha. Hemm bżonn kampanja sħiħa fuq il-mezzi kollha ta' komunikazzjoni, l-aktar it-televiżjoni biex nolqtu lil dawn in-nies li għandhom antagoniżmu kbir lejn il-qari imma li s-sett tagħhom iħalluh miftuħ sa l-aħħar kuljum. Kulħadd hemm bżonn jaħdem id f'id biex il-ktieb Malti bħala prodott ikun jistħoqqlu l-qima ta' kulħadd.

6. Hemm bżonn li ssir reviżjoni sħiħa tas-sillabi kollha tal-Malti mill-iskejjel primarji sal-Livell Avvanzat. It-tfal tagħna għadhom iħabbtu wiċċhom ma' kotba bħal **Ġabra ta' Proża** (1952) ta' Reġinald Vella-Tomlin (vol. I u II), **Stejjer u Ħrejjef** (1951) ta' Temi Żammit, u **Anġli tan-Niket** (1938) ta' Ġino Muscat Azzopardi.

Ma nistgħux noqogħdu nilagħbu, daqqa nimxu 'l quddiem u daqqa lura. Fis-Sebgħinijiet kien hemm, għal-Livell Ordinarju jew għal-Livell Avvanzat tal-Matrikola tal-Malti, ir-rumanzi **Il-Gaġġa** (1971) u **Samuraj** (1976) ta' Frans Sammut. Għax il-ġenituri ma fehmux lil **Samuraj** u waslu biss sal-qoxra tiegħu, bdew jipprotestaw biex jitneħħa mis-sillabu. Fi skola minnhom kien hemm għalliem li ma riedx igħallmu. F'oħra kien hemm għalliem ieħor li beda jaqbeż xi paġni minnu u l-istudenti kienu jmorru d-dar jew il-grawnd fil-brejk ta' nofsinhar u joqogħdu jaqraw biss il-paġni maqbużin mill-għalliem barra mill-kuntest tagħhom, u bi ħsara kbira għar-rumanzier. F'oħra l-ġenituri għaddew riżoluzzjoni li jekk il-ktieb ma jitneħħiex jew ma jkunx hemm alternattiva ma jħallux lit-tfal tagħhom jagħmlu l-eżami. Id-Dipartiment tal-Malti daħħal l-alternattiva bir-rumanz **Nikol Għabdul** (Mogħdija taż-Żmien, nru 69, 70) ta' Luwiġi Vella u dan ftit li xejn jistħoqqlu l-isem ta' "rumanz" storiku aħseb u ara kemm iħabbatha mal-livell ta' Sammut. Lili, li insistejt li nibqa' ngħallem lil **Samuraj**, iddettawli bla kondizzjoni biex inwarrbu u biex ngħallem lil **Nikol Għabdul**.

Dan l-aħħar ir-rumanz **L-Għar tax-Xitan** ta' J.J. Camilleri dam sena biss fis-sillabu tal-Livell Avvanzat biex imbagħad iddaħħal rumanz ieħor li bħala stil, minkejja l-kwalitajiet letterarji tiegħu, m'huwiex modern bħal ta' Camilleri.

Fit-III Klassi Sekondarja ta' l-Iskejjel tal-Gvern hemm it-teledramm **Ħitan** ta' Francis Ebejer. Dan huwa pass tajjeb. Iżda mbagħad, għala t-tfal fis-sena ta' wara qed jaqgħu għal-livell ta' **San Ġwann** (1939) ta' Ġużè Galea u ta' **Il-Għid taż-Żgħożija** (1946) ta' Ġorġ Pisani? Fost l-istudenti qed tkompli tissaħħaħ il-fehma li l-Malti ma għandu xejn u dan nafu li m'huwiex veru. Kif tridhom jaqraw bil-Malti?

Imbagħad, ċerti awturi bħal Juan Mamo ta' **Ulied in-Nanna Venut fl-Amerika** għadhom maqlugħa 'l barra mill-**Antoloġija ta' Proża Maltija** (2 volumi) ta' Ġużè Aquilina fil-Livell Avvanzat, l-istess bħalma kien Ġużè Ellul Mercer mill-antoloġija li kellna għall-eżami aħna, **Ward ta' Qari Malti** ta' Saydon u Aquilina u li baqgħet tintuża għall-eżami tal-Matrikola tal-Malti fil-Livell Ordinarju sas-Sebgħinijiet.

Fil-25 ta' Ġunju, 1972 kien sar simpożjum fuq il-Ktieb Malti mill-"Għaqda Bibljotekarji" fejn f'waħda mir-riżoluzzjonijiet issemma' li "il-ġenerazzjoni li tielgħa (hemm bżonn) ma titrawwimx fi preġudizzju kontra l-prodott tal-ktieb Malti,...biex il-Ktieb Malti fl-iskejjel ma jinħassx daqshekk inferjuri,... li jingħata skop lill-kontemporanjetà storika u letterarja fis-sillabi tal-Malti ta' l-eżamijiet kollha... Dan biex il-letteratura tagħna tkun aktar flessibbli u biex l-awtur modern jistabbilixxi l-messaġġ tiegħu mal-poplu intelliġenti". Sa issa, ħmistax-il sena wara għadu ma sar kważi xejn ħlief fil-klassijiet il-kbar mir-raba' waħda 'l quddiem. Il-livell primarju għadu traskurat għal kollox.

7. Hemm bżonn tispiċċa l-enfasi żejda fuq il-grammatika, l-aktar fis-Sekondarja. Hawn it-tliet lezzjonijiet fil-ġimgħa ġie li qed isiru grammatika kollha. Lit-tfal qed irrawmuhom bħala studjużi tat-terminoloġija grammatikali imma qed neqirduhom letterarjament għax qed jitħallew sajmin mill-fatt li hemm kotba oħra x'jistudjaw.

8. Hemm bżonn li l-pubblikaturi kollha jagħrfu l-bżonn li l-Ktieb Malti jsib postu fl-ekonomija Maltija u jibqa' ekonomikament vijabbli biex, skond "Il-Manifest tal-Ktieb" imxandar mill-UNESCO għall-1972 bħala s-Sena Internazzjonali tal-Ktieb, "il-ktieb jibqa' l-aktar mezz sempliċi, l-aktar irħis u l-aktar effiċjenti li qatt ġie vvintat". Dan bla ma ninsew il-limitazzjonijiet kbar li l-ktieb Malti għandu jaħdmu kontra tiegħu, bħaċ-ċokon ta' pajjiżna, il-limitazzjoni finanzjarja u l-limitazzjoni intellettwali. Malta ma jistax ikollha numru kbir ta' kittieba tajba daqskemm għandhom il-pajjiżi akbar minnha. L-istampar ma jistax jaqbeż l-eluf. Is-suq żgħir jibqa' problema ewlenija!

9. Il-libreriji kollha ta' l-iskejjel primarji u sekondarji tal-Gvern u tal-Privat għandhom ikunu mgħammra bil-kotba kollha li joħorġu. In-numru tal-kopji meħtieġa jista' jkun fiss minn qabel u dan għandu jħajjar lill-pubblikaturi biex jidħlu għall-intrapriża tagħhom bil-qalb.

Fil-ktieb hemm il-bidu ta' kull proċess għall-iżvilupp. Jekk f' pajjiżna ma nsibux tarf tal-problema tal-qari, b'referenza speċjali u ġusta għal-Letteratura u l-kultura Maltija, l-isforzi kollha li qed isiru f'oqsma oħra jisfaw fix-xejn.

1 *Taħdita li saret għal diskussjoni waqt seminar organizzat mill-Fondazzjoni Ġużè Ellul Mercer (ĠEM) fl-20 ta' Ġunju, 1987.*

# Il-Poeżija tas-Sittinijiet

*minn Saviour Sammut*

Il-poeżija li bdiet tinkiteb fis-Sittinijiet ġiet sewwasew wara l-iżvilupp politiku bil-kisba ta', l-Indipendenza għal Malta. Il-poeżija Romantika li teżalta n-Nazzjonaliżmu Patrijottiku, għalhekk, kien għadda żmienha.

Il-Poeta ta' Malta "ġdida" beda jħares madwaru bħala ċittadin tad-dinja. Post in-nazzjonaliżmu beda jieħdu l-kożmopolitiżmu. Il-viżjoni kożmika tat ħarsa lejn il-qagħda umana fiċ-ċentru ta' taqlib kbir kemm f'dawk li huma avvenimenti u strutturi soċjali lokali u internazzjonali kif ukoll l-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku li rrendew il-ħajja iżjed mgħaġġla.

Diżillużi minn dak kollu, il-poeti bdew jagħtu ħarsa ġewwiena fil-labrinti ta' ruħ imqallba u dan ġie rifless fil-forma u fil-kontenut tal-poeżija li bdiet tinkiteb. Dawn il-poeti jirrappreżentaw xi ftit jew wisq il-ġenerazzjoni ta' matul u wara l-Gwerra, imħassba u mdejqa b'soċjetà li kulma jmur aktar qiegħda ssir aljenata.

Il-poeżija tas-Snin Sittin, għalhekk, se nsibu li hi aktarx iżjed storbjuża, polemikuża, u provokanti. Fiha hemm ansjetà għal tiġdid u tibdil mill-impożizzjonijiet ta' l-Ordni Soċjali qadima. Din l-"Angst" ta' kuxjenza kollettiva tirrifletti għalhekk id-delużjoni ta' min stenna ħaġa u sab oħra. Dan kollu hu ppreżentat fil-kitba ta' xeħta moderna li bdiet tinkiteb.

B'kitba moderna, il-kritiċi kienu jifhmu orjentament ġdid mil-linji li mxew fuqhom il-predeċessuri. Il-poeżija Moderna qatgħet l-irbit li kellha l-Poeżija tradizzjonalista mal-kitba ta' versi b'regoli u b'qisien metriċi fissi u pre stabbiliti. Il-kitba ta' Baudelaire u Mallarmé tat forma ġdida lill-Poeżija. Il-"verse libre", il-"projective verse", il-"concrete poetry", ilkoll għamlu aċċenn akbar fuq l-aspett tipografiku u fuq il-forma li jieħu l-kontenut. Il-Moderniżmu kellu effett ukoll fuq prosodija, sintassi u metafora, fost l-oħrajn.

Il-karatteristiċi ewlenin li bdew jiżviluppaw fil-poeżija li bdiet tinkiteb kienu prinċipalment:

* esperimentazzjoni bi strutturi sintattiċi ġodda.
* devjazzjonijiet sintagmatiċi u paradigmatiċi.
* preżenza ta' lessiku meħud direttament mit-taħdit.
* temperament ribelluż kontra valuri morali, soċjali, reliġjużi ta' l-Ordni Soċjali qadima.
* ritmi marsusa.

## ***Sfond għas-Snin Sittin***

Id-deċenju 1910-1920 jidher illi kien żmien ta' konfużjoni mhux biss minħabba s-snin ta' Gwerra iżda anke minħabba li fil-qasam tal-psiko-analiżi kellna taqlib billi kemm Jung kif ukoll Alder kienu abbandunaw il-linji oriġinali Freudjani.

Fl-Għoxrinijiet, aktar kittieba ġew f'kuntatt dirett mal-ħsieb psiko-analitiku dwar implikazzjonijiet ta' rabta bejn is-sesswalità u s-simboliżmu fil-kitba. Minkejja dan, kritiċi bħal Roger Fry, Clive Bell, u awturi bħal Samuel Beckett u James Joyce m'aċċettawx din it-teorija li tlaqqa' l-psiko-analitiku ma' l-esperjenza artistika[1].

Fis-snin Tletin għandna konsolidazzjoni ekonomika, politika u kulturali. Qawmien Nazzjonalistiku taħt pretensjonijiet ta' soċjaliżmu internazzjonali kkaratterizzaw it-totalitarjaniżmu tas-Sovjetiċi, il-Faxxiżmu tat-Taljani u n-Nazzjonal Soċjaliżmu tal-Ġermaniżi. Huma wkoll id-deċenju tas-Surrealisti mmexija minn André Breton li pprova jlaqqa' l-ideat psiko-analitiċi mat-teknika ta' l-ideali Marxisti u li bis-saħħa ta' l-istrateġiji li jaddotta jipprova jqarreb aktar lejn soċjetà utopika.

L-Erbgħinijietkienu ddominati mit-Tieni Gwerra Dinjija u s-snin ta' dipressjoni li segwew b'perjodu fejn sab lill-bniedem f'salib it-toroq bejn imgħoddi mdallam u mdemmi b'ġenoċidju u ġejjieni mdallam bit-theddida ta' katastrofi atomika. L-artisti rriflettew din il-qagħda umana billi bdiet iżjed il-ħarsa introspettiva lejn il-ġewwieni f'tentattivi għal qawmien mill-ġdid tal-personalità. Xi psiko-analisti daru għall-"ego psychology" fl-istudju tagħhom ta' testi letterarji u rattbu t-teoriji preċedenti ppernjati fuq id-determiniżmu kkundizzjonat u kkontrollat minn forzi inkonxji w istinti tribali.

Is-soċjetà u l-kultura moderna, kulma jmur kienet iżjed taħt l-attakk tal-kuxjenza artistika. Lionell Trilling f'**Beyond Culture**[2] tkellem dwar kif l-istudju psikoloġiku tal-letteratura żviluppa t-teżi li hemm il-"jien" individwali li tista' tisseparah mill-kultura partikulari.

L-individwaliżmu radikali li żviluppa wara, huwa f'kunflitt ma' soċjetà u kultura moderna li fil-viżjoni ta' l-individwu huma ripressivi. Kien qiegħed jiżdied għalhekk element qawwi fil-bniedem ta' "anti-establishment". Dan kompla joktor u jiħrax aktar fis-snin Sittin meta l-istorja terreġistra għadd ta' dimostrazzjonijiet kbar (uħud minnhom vjolenti) minn studenti universitarji u oħrajn fl-ibliet prinċipali tad-dinja industrijalizzata b'mod partikulari fl-ibliet Ewropej u Amerikani.

Minn studji psikoloġiċi fuq il-qagħda soċjali kif riflessa fil-letteratura li bdiet tinkiteb, jinħass ħafna s-sens ribelluż u t-temperament nevrotiku li beda jaħkem. Il-qagħda psikoloġika umana kienet imħaxkna bejn dibattitu ġewwieni: jien min jien? jien u l-ħajja (jew il-mewt); u dibattitu estern: jien u l-bqija. F'xi xogħol, bħal **Life Against Death** ta' Norman Brown[3], dan huwa ppreżentat tajjeb ħafna.

Eventwalment, bis-saħħa ta' żviluppi fil-mezzi ta' komunikazzjoni, kien hemm influss ta' dawn l-ideat ġodda inter u intra-kulturalment. Is-snin sittin huma xhieda ta' dan il-pluraliżmu li beda jinfiltra s-soċjetà moderna. Bil-mod il-mod, dawk it-teoriji li kienu xxukkjaw u skandalizzaw, issa bdew isibu inqas reżistenza.

# Xejriet Ġodda fil-Poeżija Maltija

**Il-Metafora:** Il-metafora fil-poeżija tas-Snin Sittin tirrifletti t-taqlib u l-moderniżmu fil-ħajja. Ix-xbihat li bdew jintgħażlu ma kinux meħuda mill-ambjent primittiv naturali. Il-metafora ngħatat valur u tifsira ġodda fil-Poeżija Moderna billi din saret qisha metafora waħdanija li tinkorpora bosta metafori marsusa.

Ħafna mill-poeżija tradizzjonali kienet tippreżenta iżjed tħaddim "għoli" tal-lingwa iżda dan il-fattur kien ġustifikat għal żmienu billi dan kellu jwassal għal għarfien aħjar tal-ġieh li jistħoqqlu il-vernakulur. Iżda minħabba f'hekk kellha tbati l-metafora. Il-Moderniżmu ħaseb biex tingħata importanza ewlenija lill-metafora.

Il-kritika moderna tgħid li l-metafora għandha tliet komponenti li huma: "tenor" "vehicle" u "ground"[4]. Fil-poeżija moderna l-metafora hija marsusa u s-sekwenza loġika hija nieqsa. Il-metafora u t-tixbih saru iżjed ambigwi w oskuri u dan proprju b'rifless tal-qagħda umana u l-ħajja li qed issir dejjem iżjed enimmatika u kumplessa. Biżżejjed insemmu x-xbihat li jinħolqu f'poeżija waħda bħal:

"fwieħa...tinfed...bħal stallett (vv. 6)
"bħal għarusa l-qamar" (vv.12)
"il-ħondoq jonfor...
...bħal żarżir tal-kuntrabaxx" (vv. 15-16)

Ara Achille Mizzi, "Enigma Variations"[5]

Il-metafora tradizzjonali taż-żiemel, tal-warda, ta' l-għasfur inbidlet mal-metafora tal-ferrovija, ta' l-ajruplan, tal-kapsula spazjali, tal-bomba atomika... fejn għadna passaġġ mill-organiku għall-inorganiku, mill-persunali għall-impersunali, mill-animat għall-inanimat; min-naturali għall-artifiċjali. Dan ukoll jixħet ħjiel fuq l-iżviluppi fil-mod ta' għajxien fejn il-ħajja bdiet issir iżjed mekkanika.

Il-poeta tradizzjonali kien iżjed moħħu fid-"decorum tal-poeżija", fil-Personifikazzjoni, fl-allegoriku. Il-poeta ried jikkomunika u għalhekk ried li kemm jista' jkun jiftiehem. Il-metafora tradizzjonali għalhekk kienet iżjed ċara. L-ambjent li minnhom ġeneralment ittieħdet il-metafora huma l-ambjent pastorali pjuttost primittiv u raħli Malti. Bejn il-lingwaġġ tat-taħdit u l-lessiku tal-Poeżija kellu jkun hemm baħar jaqsam.

Mhux hekk il-Poeta Modern li beda jħoss il-ħtieġa li jesprimi ruħu ta' importanza ikbar milli jikkomunika mal-bqija għax fil-bqija beda jara t-taħsir morali. Ir-retoriċità kienet pedantika wisq għall-poeta modern.

Fis-Snin Sittin metafora rikorrenti kienet dik tal-poeta-vjaġġatur, fit-tiftixa dejjiema kemm ta' taħbil ta' enimmi interni tal-ħsieb psikoloġiku kif ukoll xewqa għal aktar spazji fejn ikun jista' jimraħ il-ħsieb, lil hinn mill-konfini klawstrofobiċi u mill-ispazji ffullati ta' gżira.

Flok ix-xbihat romantiċi mill-pajsaġġ, bdew deħlin is-simboli ċerebrali mid-dinja urbana industrijalizzata, meħuda mill-abjent ta' Malta "ġdida" fil-bidu ta' proċess post-kolonjali. Dan iwassal ukoll għal viżjoni ġdida tal-"patria".

Il-metafora tradizzjonali ta' "patria" bħala omm b'imħabba materna lejn uliedha (iċ-ċittadini) issa tinbidel f'deformazzjoni grotteska. Il-karikatura tal-"patria" fil-poeżija issa hija dik ta' mara li tilfet id-dinjità u l-ġieh tagħha.

## Lingwaġġ

Jekk il-bniedem kien qiegħed igħix qalb taqlib u tiġdid fil-qagħda umana, il-poeta ma setax jikkomunika jew jesprimi ruħu jekk mhux b'lingwaġġ ġdid. Waqt li t-tradizzjonalisti kienu fittxew biss il-kelma mirquma u msoffija għall-iskop lessikali ta' valur letterarju; għall-modernisti l-kliem Rumanz kellu jgħin sabiex jiġi introdott taħdit ġdid ta' kuxjenza poetika ġdida.

Il-Malti letterarju kellu għalhekk jibda jieħu mir-reġistri kollha ta' l-ilsien mitħaddet u miktub. Il-Malti beda jittieħed fis-sħuħija tiegħu u mogħni bl-użi ġodda li bdew jiġu esperimentati biex jirrifletti ideat u esperjenzi persunali ġodda.

Għall-poeti tas-Snin Sittin, id-differenza bejn lingwaġġ poetiku u lingwaġġ fit-taħdit m'għandhiex tkun daqstant ċara u kategorika. Is-sintesi diskontinwa għandha tirrifletti għalhekk dan it-taqrib bejn lingwaġġ poetiku u lingwaġġ mit-taħdit.

Fil-poeżija li bdiet tinkiteb fis-Snin Sittin,b'kuntrast mal-poeżija li nkitbet qabel, għalhekk insibu element qawwi ta' vokabolarju korrenti mid-diskors tat-taħdit; il-vokabolarju tat-triq imlibbes l-idjoma moderna. L-esperjenzi immedjati tas-soċjetà kellhom jitwasslu b'lingwaġġ immedjat tat-triq. Iżda dan il-liberaliżmu fl-użu ta' lingwaġġ ġdid u impurtat mhu xejn għajr rifless ta' liberaliżmu ieħor din id-darba ta' valuri ġodda f'kunflitt ma' oħrajn konvenzjonali li ntirtu mill-Ordni Soċjali qadima.

> *"Rifacendosi arbitrariamente all'estetica del realismo e particolarmente alla poetica della "Beat Generation", ispirati da figure contrastanti come Dylan Thomas, Jack Kerouac, Allen Ginsberg e Gregory Corso, questi autori si trasformarono subito in un coro di contestazione apparentemente letteraria ma in realtà sociale e politica. La loro polemica sfruttò il malcontento accademico ma era diretta verso il popolo."*[6]

Għandna lingwaġġ ġdid li beda jirrifletti aktar il-qagħda umana li kulma jmur qiegħda ssir iżjed "individwalista". L-element komunitarju tas-socjetà, minħabba fatturi soċjoloġiċi. storiċi u politiċi (kif rajna fl-isfond għas-Snin Sittin, ġie abortit biex minflok twelled individwaliżmu atomizzat mill-komunità.

Dan hu rifless ukoll fis-sintassi u fil-forom ġodda li bdiet taddotta l-Poeżija li bdiet tinkiteb.

## Forma u Kontenut

Il-Poeti li bdew jiktbu fis-Snin Sittin ħaduha kontra r-reġimentazzjoni tal-mudelli metriċi pre-stabbiliti. L-iskola moderna fittxet li l-forma tal-Poeżija tiżviluppa fl-istess ħin li jkun qiegħed jiġi żviluppat il-kontenut.

Il-valur tal-forma jinsab proprju fl-element ta' kreattività li jipposjedi l-artist. Għaldaqstant, l-awtur f'dan il-kuntest jilħaq il-kapaċitajiet tal-pro-kreatur.

Sa ċertu żmien, l-ambjent kulturali tagħna kien imsawwar fuq il-ħsibijiet ta' awturi u poeti tas-seklu tmintax u l-bidu tas-seklu dsatax. Il-letteratura Maltija nfisha twieldet fi ħdan ir-Romantiċiżmu Taljan. Il-poeti tagħna baqgħu jiktbu fuq il-

mudelli tradizzjonali minkejja li dawn kien ilhom li ġew sorpassati. Din hija l-fehma tal-Professur Ġużè Aquilina fid-"Daħla" li għamel għall-pubblikazzjoni "Kwartett".

Il-poeżija li bdiet fis-Snin Sittin, nistgħu ngħidu għalhekk li ħadet direzzjoni ġdida. Il-Moderniżmu beda jidher kemm bil-kitba tal-vers ħieles il-"verse libre" kif ukoll b'forom tipografiċi li bdiet taddotta l-poeżija.

L-influwenza li kellhom il-poeti, fit-tħaddim tal-"projective verse", wisq probabbli ġiet minn Guillaume Apollinaire. Charles Olson (1910), b'riferenza għall-"projective verse" jgħid li l-forma m'għandhiex tkun għajr estensjoni ta' kontenut. Il-Moderniżmu fil-Poeżija kien ifisser għalhekk, ċaħda ta' l-istruttura prestabbilta u b'ċerta uniformità.

Din l-istruttura l-ġdida (jew aħjar iċ-ċaħda ta' l-istruttura regolarizzata) tirrifletti d-dubji, l-inċertezzi u dawn huma wkoll karatteristiċi ta' poplu li għadu qed jitkixxef x'toroq għandu jieħu issa li beda jħoll l-irbit u d-dipendenza. Nistgħu ngħidu li l-forma tal-Poeżija li bdiet tinkiteb għandha tliet kriterji bażiċi:

(i) dik li Peter Serracino Inglott[7] isejħilha il-"parodija" tas-sentenza.
(ii) L-użu ta' partijiet ta' sentenzi biex jirriflettu u jidrammatizzaw sens ta' frammentazzjoni w eżistenzjalità li saret problematika.
(iii) tematika kontroversjali provokanti li tiċċirkula madwar il-"jien" li huwa pproġettat bis-saħħa tal-"projective verse".

Din il-protesta kontra l-forma riġida ta' l-Ordni l-qadima tirrifletti wkoll il-protesta kontra l-Ordni u l-istituzzjonijiet soċjali qodma. Il-kitba fil-"verse libre" bit-taħlil mill-irbit ta' prosodija fissa tirrifletti kuxjenza kollettiva ta' poplu li għadu inċert minnu nnfisu, mir-responsabbiltajiet li se jkollu jerfa' bl-iżvilupp politiku li għadu kif għadda minnu.

Forma ġdida oħra li addottat il-Poeżija fis-Snin Sittin hija l-impatt viżwali li għandha bis-saħħa tal-"Concrete Poetry". Hawn għandna arranġament ta' kliem fl-ispazji okkupati fil-paġni f'termini ta' impatt viżwali li jħallu. Din kienet imħaddma mill-iskola tal-"Concrete Poetry" u dawn kienu qed jimxu fuq it-tradizzjoni ta' Mallarmé f'"Un Coup de Dés" u Guillaume Apollinaire (1880-1918) bil-"Calligrammes" tiegħu.

Id-differenza bejn il-Poeżija tradizzjonalista u l-Poeżija ta' dawk li ġew warajhom hija wkoll differenza ta' ritmu. Il-qodma għażlu qisien metriċi ta' mixja melodjuża u mużikali. L-enfasi kienet fuq il-mużikalità u l-melodija fl-istanzi meqjusa u b'rima regolari. Minkejja li mhux marbuta ma' qisien metrici fissi u prestabbiliti l-Poeżija tas-Snin Sittin għandha r-ritmu partikolari tagħha u dan ġeneralment jirrifletti t-temperament nervuż li beda jaħkem lill-bniedem fil-ħajja mgħaġġla moderna.

Din il-protesta kontra l-punteġġjatura; kontra forom u qisien metriċi tradizzjonali, trid tittieħed f'kuntest ta' protesta letterarja li riedu jwettqu l-Poeti tas-Snin Sittin.

*"The open forms of modern poetry are the expression of this situation in which the established, rigidly, regulated patterns of existence are being disorganised and disintegrated in an anxious search both fearful and hopeful, of new or renewed ways of social life."*[8]

## Tematika

Minn kif jidher, l-orjentament ġdid li qabdet il-Poeżija fis-Snin Sittin kien ġej mill-ilbies li tlibbset. Forma u kontenut, metafora, metrika, prosodija, ilkoll kellhom jirriflettu l-qagħda umana f'dinja moderna li kulma jmur qiegħda tgħaddi minn iżjed taqlib soċjali, ekonomiku, politiku, eċċ...

It-tematika tal-Poeżija, xi ftit jew wisq kellha tħoss ukoll l-effett ta' l-ideat u ta' l-esperjenzi ġodda li bdew deħlin. It-tematika tradizzjonali tista' tgħid li baqgħet l-istess punt ta' riferiment għall-poeti ta' kull żmien. Waqt li l-Poeta Romantiku għanna fuq "patria", fuq "reliġjon", fuq "Alla", fuq "l-imħabba", il-Poeżija tas-Snin Sittin se nsibu li se titkellem fuq l-istess ħwejjeġ.

Iżda l-viżjoni tal-poeta tas-Snin Sittin dwar dawn il-ħwejjeġ hija 'l bogħod ħafna minn kif ħarsu lejhom it-tradizzjonalisti.

Il-villaġġ kampanjol idealizzat tant fil-poeżija Romantika issa jitqies bħala rifless ta' passività kważi letarġika; l-ambjent kwiet tar-raħal se jiġi interpretat bħala s-skiet furzat li nsibu fiċ-ċimiterji.

Ir-Reliġjon issa hija trattata taħt skrutinju tar-raġuni b'mod xjentifiku. Spiċċa t-twemmin fl-assolut u beda dieħel id-dubju. Iżda r-Reliġjon issarrfet f'esperjenza iżjed persunali.

Il-Poeta se jgħaddi min-nuqqas ta' fiduċja, kemm f'dik li hija identità nazzjonali, kif ukoll fil-validità ta' l-eżistenzjaliżmu uman. Il-Poeta tas-Snin Sittin anzi se nsibuh jipprotesta kontra l-prostituzzjoni tal-Patrijottiżmu.

Il-ħtieġa li jinstabu forom ġodda ta' espressjoni hi marbuta ħaġa waħda mat-tiġdid tematiku. Fil-każ tal-Poeti moderni Maltin din il-ħtieġa kienet motivata wkoll minn elementi kollha kemm huma lokali.

Il-Poeta Modern se jagħlaq il-bibien f'wiċċ is-soċjetà aljenata fil-materjaliżmu, u se jinżel ifittex fi djalogu intern mal-"jien". Il-"jien" se jiġi ppreżentat kultant f'mitt biċċa, kultant f'konflitt mal-bqija, kultant fl-"abbandunat", u l-"imwarrab" ta' soċjetà insensittiva...

Fit-tematika magħżula se toħroġ is-sensazzjoni ta' klawstrofobija, ta' l-affolament u ta' nervożiżmu li bdew jaħkmu lill-bniedem. Hija viżjoni mikro-makro-kożmika li tirrifletti, kemm il-qagħda soċjali lokali kif ukoll il-qagħda umana fid-dinja. Ir-rabja li toħroġ hija wkoll karatteristika tat-temperament Mediterranju.

Għal dik li hija ispirazzjoni, it-tradizzjonaliżmu jorbotha bi prinċipju ta' qalb u moħħ li qed jaħdmu fid-dinja tas-sensi iżda taħt kontroll ta' ruħ il-poeta mqanqla iżda koxjenti. Fil-poeżija tas-Snin Sittin għandna l-Poeta tas-subkoxjent. Id-dinja ta' barra hija mfissra u interpretata skond tiftixa interna fid-dinja ġewwiena. Il-Poeta li qiegħed jogħdos fl-ibħra fondi fejn ma niżilx il-Poeta koxjenti.

Il-Poeta Modern tas-subkoxjent jinżel ifittex id-dinja moħbija interna li hemm ġo fina. U jinżel fid-dinja tal-"ħolm" mhux biex joħlom u jaħrab mir-realtà, iżda anzi biex, kif igħid Sigmund Freud f' **Interpretation of Dreams**, biex jafferma r-realtà tal-ħajja bis-saħħa ta' l-interpretazzjonijiet li jingħataw lid-dinja mistura u misterjuża tal-ħolm.

1. Jack J.Spector, **The Aesthetics of Freud**, Praeger Publishers, Inc., New York, 1972, p. 189.
2. Lionel Trilling, **Beyond Culture**, Ann Arbor, Michigan, 1960.
3. Norman D. Brown, **Life Against Death**, New York, 1955, London, 1959.
4. Oliver Friggieri, "Il-Poeti Moderni Maltin — Tradizzjoni, Żvantaġġ storiku u bidla mill-qiegħ", **Hyphen**, Vol. II, No.6, 1981.
5. Achille Mizzi, **L-Għar ta' l-Enimmi**, Lux Press, 1967.

*Nota:* Il-puntini fil-versi indikati m'humiex fit-test oriġinali iżda ħadu post kliem ieħor.

6. Oliver Friggieri, "Il contributo dei poeti alla trasformazione socio-politica di Malta", 1981 p. 69-82 (Estratto da Atti di Convegno Internazionale).
7. Peter Serracino Inglott, "Maltese Poetry 1960-1970", **Il-Poeżija**, October 1971, No.1, p. 3-11.
8. Ibid, p.5.

# LIL DUN KARM

Kull meta nżurek, kbir qassis qalbieni,
U nqis il-ġmiel u l-għerf ta' l-għanja tiegħek,
Nitkabbar li fit-triq ħabbejtek kmieni,
U Ktieb-id-Dawl dikment ħabbibni miegħek.

Għax inti leħħint l-imħabba, wens tal-ħajja,
Il-ġmiel tal-ward, tas-sħab, tal-baħar tagħna,
Id-diwi tal-widien, itenni l-ġrajja,
U t-twemmin ħieni bħal tat-tfal ferħana;

L-egħlieqi qodma ta' missierijietna
U d-drawwiet tagħhom, u l-insiġ waħdieni
Tal-gżira mxemxa, l-omm li wisq ħabbitna,
Li sawwar għal din l-art iż-Żmien għaddieni.

U ferrixt f'artna ilħna mnebbħa, għaslija,
Bi ħjut imdieħba, mingħajr star, Maltija.

**J. Zammit Tabona**

# Lejla f'Ġieh il-Prof. Pietru Pawl Saydon

Biex tfakkar egħluq is-sittin sena mit-twaqqif tagħha fl-Università, l-Għaqda tal-Malti nidiet lejla ta' mużika u letteratura f'ġieh il-Prof. Pietru Pawl Saydon nhar il-Gimgħa, 22 ta' Frar, 1991 fit-Teatru ta' l-Arti u li minn dakinhar bdiet tissejjaħ Sala Pietru Pawl Saydon, għalih. Fir-ritratt jidher l-ex Rettur ta' l-Università, il-Prof. Edwin J Borg Costanzi jikxef il-lapida li twaħħlet mal-bini li issa ssemma f'ġieh Saydon. Il-kliem fuq il-lapida jaqra: "Sala Pietru Pawl Saydon Professur tal-Kotba Mqaddsa".

## *Il-Programm*

Kelmtejn ta' merħba mill-President, is-Sur George Said, B.A., President ta' l-Għaqda; Diskorsi ta' Prof. Oliver Friggieri; Prof. Ġużè Aquilina; Rev. Ġwakkin. Schembri u Rev. Prof. Dun Karm Sant. Qari ta' siltiet mill-Kotba Mqaddsa minn M.Z. Marmarà.

Muzika minn Carmen Deguara, L.T.C.L., L.R.S.M.





**Il-Bord Editorjali jrodd ħajr lill-Mid-Med Bank Ltd.
għall-għajnuna ġentili fil-ħruġ ta' din l-edizzjoni.**

# Aħbar Tajba Għall-Istudenti Kollha!

## Akkwista Self bl-imgħax baxx ta' 5% biex tixtri kompjuter



Il-Mid-Med qed jagħmel offerta speċjali għall-istudenti 'Bona Fide' kollha li għandhom 18-il sena u li jixtiequ jkollhom il-kompjuter personali tagħhom.

Il-Mid-Med lest li jislef sa Lm1,000 lil kull student u li għalihom m'hemmx bżonn ta' l-ebda assigurazzjoni jew rakkomandazzjoni.

Il-Bank jassumi li bħala student għandek dħul żgħir imma regulari, għalhekk lest li jirranġalek skema attrajenti ħafna biex tħallas lura fi żmien ħames snin. Din tista' tiġi estiża għal sentejn wara l-gradwazzjoni. Ma jkun hemm l-ebda spejjeż bankarji oħra u s-somma mislufa mill-Bank tkun tkopri wkoll modifikazzjonijiet kif ukoll *upgrading* ta' l-apparat.

*Għal aktar dettalji, mur f'wieħed mill-uffiċċji tal-Mid-Med Bank.*

***Mal*-Mid-Med *jaqbillek żgur***

**Mid-Med Bank Ltd**

*B'ghadd ta'Ferghat imferrxa ma' Malta u Ghawdex*